ATT TA' L-1999 DWAR SERVIZZI TA' L-IVVJAĠĠAR U TAT-TURIŻMU GĦAL MALTA

Tqassim ta' l-Artikoli

Artikolu

TAQSIMA I – PRELIMINARI

1. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.
2. Tifsir.

TAQSIMA II – AMMINISTRAZZJONI

Titolu 1 – L-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta

3. Twaqqif ta' l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta.
4. Setgħat u personalità ġuridika ta' l-Awtorità.
5. Funzjonijiet ta' l-Awtorità.
6. Ħatra ta' uffiċjali.
7. Dispożizzjonijiet finanzjarji.
8. Kontijiet u verifika.
9. Rapport annwali.
10. Kuntratti ta' provvista jew xogħlijiet.
11. Eżenzjoni minn taxxa.

Titolu 2 – Id-Direttorati

12. L-Awtorità tista' tiddelega funzjonijiet eżekuttivi lid-direttorati.

Titolu 3 – Il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turiżmu

13. Ħatra ta' Bord ta' l-Appelli dwar it-Turiżmu.
14. Funzjonijiet u proċedura tal-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turiżmu.

Titolu 4 – Dispożizzjonijiet komuni

15. Membri ta' l-Awtorità, eċċ., jitqiesu uffiċjali pubbliċi għal ċerti għanijiet.
16. Pubblikazzjoni ta' l-ismijiet tal-membri ta' l-Awtorità, eċċ.

17. Turija ta' interess f'kuntratt.

TAQSIMA III – ALLOĠĠ U STABBILIMENTI LI JIPPROVDU IKEL

18. Liċenza biex tinżamm lukanda, *guest house, hostel,* postijiet għall-btala, stabbiliment li jipprovdi ikel jew dar li tintuża biex jiġi provdut alloġġ lit-turisti.
19. Kondizzjonijiet li taħthom tingħata liċenza.
20. Trasferiment ta' liċenza.
21. Klassifikazzjoni.
22. Reklami u wiri.
23. Liċenza u klassifikazzjoni flimkien.
24. Reġistru ta' alloġġjanti.
25. Ir-Reġistru għandu jinżamm miftuħ għall-ispezzjon tal-pulizija, eċċ.
26. Applikabilità.

TAQSIMA IV – AĠENZIJI TAT-TURIŻMU LI ĠEJ MINN BARRA, AĠENZIJI TA' L-IVVJAĠĠAR U *DESTINATION MANAGEMENT COMPANIES*

27. Liċenza għat-tmexxija ta' aġenzija tat-turiżmu li ġej minn barra, aġenzija ta' l-ivvjaġġar jew *destination management company.*
28. Kondizzjonijiet li taħthom tingħata liċenza.
29. Isem ta' l-aġent tat-turiżmu li ġej minn barra, aġent ta' l-ivvjaġġar jew *destination management company.*
30. Trasferiment ta' liċenza.
31. Assigurazzjoni u fond għall-insolvenza.

TAQSIMA V – ĠITI ORGANIZZATI

32. Liċenza biex jitmexxa n-negozju ta' operatur ta' ġiti organizzati.
33. Kondizzjonijiet li taħthom tingħata liċenza.
34. Provdiment ta' servizzi minn operatur ta' ġiti.
35. Trasferiment ta' liċenza.

TAQSIMA VI – GWIDI TAT-TURISTI

36. Liċenza għal gwida tat-turisti.
37. Kondizzjonijiet li taħthom tingħata liċenza.

38. Isem tal-gwida tat-turisti.
39. Trasferiment ta' liċenza.

TAQSIMA VII – INFURZAR TA' KONTROLL

40. Sorveljar fuq attivitajiet turistiċi.
41. Notifika ta' avviżi.
42. Dispożizzjonijiet supplimentari dwar l-infurzar.

TAQSIMA VIII – REATI U PIENI

43. Reati u pieni.
44. Kopji ċertifikati ta' ċerti dokumenti.
45. Proċedura speċjali.

TAQSIMA IX – SUPPLIMENTARI

46. Setgħa li tagħmel regolamenti tinkludi s-setgħa li tirrevoka, eċċ.
47. Setgħa li jsiru regolamenti.
48. Għotja ta' servizzi minn aġenzija tal-Gvern.
49. Notifika ta' avviżi.
50. Trasferiment ta' proprjetà lill-Awtorità.
51. Ftehim ta' liġijiet eżistenti, kuntratti, eċċ.
52. Dispożizzjonijiet transitorji.
53. Tħassir u riżerva.

L-Ewwel Skeda – Provvedimenti dwar il-proċedimenti ta' l-Awtorità.

It-Tieni Skeda – Direttorati Eżekuttivi.

It-Tielet Skeda – Proċedimenti quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turiżmu, u appelli minn deċiżjonijiet ta' dak il-Bord.

Ir-Raba' Skeda – Regolamenti li jibqgħu fis-seħħ.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

13 ta' Lulju, 1999

ATT Nru. XII ta' l-1999

ATT sabiex jipprovdi għall-promozzjoni tat-turiżmu, biex jirregola s-servizzi u attivitajiet turistiċi, biex titwaqqaf awtorità b'setgħa għal dak il-għan, u għal ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu magħhom jew li huma inċidentali għalihom.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

TAQSIMA I

Preliminari

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1999 dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta.

(2) Dan l-Att għandu jiġi fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta; u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra -

"aġent ta' l-ivvjaġġar" tfisser persuna li, sew bħala prinċipali sew bħala aġent, tirranġa, tagħti pariri dwar jew tieħu ħsieb li tipprovdi lil turisti u persuni oħra, sew individwalmwnt sew fi gruppi, arranġamenti għall-ivvjaġġar għal barra minn Malta, inklużi l-alloġġ f'lukanda, *guest house, hostel*, postijiet għall-btala jew dar li tintuża biex jiġi provdut alloġġ lit-turisti; vjaġġi bl-ajru, fuq l-art jew bil-baħar; ġiti organizzati u l-affarijiet l-oħra kollha li normalment jew b'konswetudni huma konnessi ma' l-industrija tat-turiżmu; iżda ma tinkludix diriġent ta' lukanda, diriġent ta' *guest*

house, diriġent ta' postijiet għall-btala, persuna li tipprovdi alloġġ lil turisti f'dar, gwida tat-turisti, persuna li tipprovdi servizzi ta' trasport fuq l-art, bil-baħar jew bl-ajru, aġenzija tat-turiżmu li ġej minn barra, *destination management company,* jew operatur ta' ġiti organizzati u "aġenzija ta' l-ivvjaġġar" għandha tiftiehem bl-istess mod;

"aġent tat-turiżmu li ġej minn barra" tfisser persuna li, sew bħala prinċipal sew bħala aġent, tirranġa għal, tagħti pariri dwar jew tieħu ħsieb li tipprovdi għal turisti u persuni oħra, sew individwalment sew fi gruppi, arranġamenti ta' vjaġġar dwar vjaġġar barra mill-pajjiż, inkluż l-alloġġ f'lukanda, *guest house, hostel,* post għall-btala jew dar użata biex tipprovdi alloġġ lil turisti; l-ivvjaġġar bl-ajru, fuq l-art jew bil-baħar; ġiti organizzati u l-ħwejjeġ l-oħra kollha li normalment jew b'konswetudni jkollhom x'jaqsmu ma' l-industrija tat-turiżmu, iżda ma tinkludix diriġent ta' lukanda, diriġent ta' *guest house*, diriġent ta' *hostel*, diriġent ta' post għall-btala, persuna li tipprovdi alloġġ lil turisti f'dar, gwida tat-turisti, persuna li tipprovdi servizzi ta' trasport fuq l-art, bil-baħar jew bl-ajru, aġenzija ta' l-ivvjaġġar, *destination management company,* jew operatur ta' ġiti organizzati u "aġenzija ta' turiżmu li ġej minn barra" għandha tiftiehem bl-istess mod;

"aġenzija tal-Gvern" tfisser korp ġuridiku mwaqqaf b'liġi jew kumpannija li fiha l-Gvern jew korp bħal dak, jew it-tnejn flimkien, ikollhom jedd ta' kontroll jew li tkun sussidjarja ta' kumpannija bħal dik;

"alloġġ" tfisser kamra jew kmamar li jkunu hekk arredati u mgħammra biex jipprovdu alloġġ li persuna tista' tgħix fih;

"alloġġjant" tfisser persuna li tiġi provduta b'alloġġ ġewwa lukanda, *guest house, hostel*, post għall-btala, post ta' alloġġ jew dar li tintuża biex jiġi provdut alloġġ lit-turisti, jew li jkollha dan l-alloġġ provdut f'xi wieħed minn dawk il-postijiet;

"attività turistika" tfisser lukanda, *guest house, hostel*, post għall-btala, dar li tintuża biex jiġi provdut alloġġ lit-turisti, stabbiliment li jipprovdi ikel, aġenzija ta' l-ivvjaġġar, *destination management company,* aġenzija ta' turiżmu li ġej minn barra, operatur ta' ġiti organizzati, gwida tat-turisti, u servizzi oħra ta' turiżmu, sew jekk mogħti liċenza sew jekk le:

Iżda, għall-finijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 48 ta' dan l-Att, il-frażi "attività turistika" ma tinkludix dar li tintuża biex jiġi provdut alloġġ lit-turisti meta dik id-dar tkun tikkostitwixxi r-residenza permanenti tal-persuna li tipprovdi dak l-alloġġ;

"avviż ta' infurzar" għandha t-tifsir mogħti lilha bl-artikolu 41 ta' dan l-Att;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta mwaqqfa bl-artikolu 3 ta' dan l-Att u tinkludi kull persuna li taġixxi f'isimha bis-saħħa ta' setgħat delegati mill-Awtorità taħt dan l-Att;

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turiżmu mwaqqaf bl-artikolu 13 ta' dan l-Att;

"dar" tfisser kull bini, ikun kif ikun deskritt, li ma jkunx lukanda, *guest house, hostel*, post għall-btala jew post ta' alloġġ, li jkun użat jew maħsub li jintuża, għal kollox jew f'parti minnu bħala abitazzjoni;

"*destination management company*" tfisser kull persuna li l-linja prinċipali tal-kummerċ tagħha, kemm bħala prinċipal jew aġent, hi l-ħolqien, ippjanar u attività ta' programmi motivati u speċjalizzati għal turisti jew persuni oħra, sew individwalment kif ukoll fi gruppi, u liema programmi jinkludu li jipprovdu kollha jew xi whud minn dawn is-servizzi li ġejjin: alloġġ f'lukanda jew f'xi stabbiliment ieħor xieraq; vjaġġ bl-ajru, bl-art jew bil-baħar; faċilitajiet għal konferenzi; ġiti; gwidi; interpreti; għajnuna teknika; divertiment u kull ħaġ'oħra li hi normalment konnessa ma' programmi motivati, kungressi, laqgħat u konferenzi u *incentive travel*. Il-kliem "*destination management company*" ma jinkludux diriġent ta' lukanda, diriġent ta' *guest house*, diriġent ta' postijiet għall-btala, persuna li tipprovdi alloġġ lil turisti f'dar, gwida tat-turisti, persuna li tipprovdi servizzi ta' trasport fuq l-art, fuq il-baħar jew fl-ajru, aġent tat-turiżmu li ġej minn barra, aġent ta' l-ivvjaġġar jew operatur ta' ġiti organizzati;

"id-Direttorati" tfisser id-Direttorat ta' l-Infurzar u dawk id-direttorati eżekuttivi l-oħra hekk kif ikunu jew jistgħu jiġu stabbiliti taħt l-artikolu 12 ta' dan l-Att;

"Gazzetta" tfisser il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta;

"ġita organizzata" tfisser kull ġita organizzata jew *tour* għal ħames jew aktar turisti jew persuni oħra lejn wieħed jew aktar postijiet fi jew madwar Malta jew trasport fuq l-art, bil-baħar jew bl-ajru, iżda ma tinkludix servizz li jkun unikament intiż biex jipprovdi trasport; u "operatur ta' ġiti organizzati" għandha tiftiehem bl-istess mod;

"*guest house*" tfisser kull bini, ikun kif ikun deskritt, iżda li ma jkunx lukanda, u li fih jiġu provduti għall-pubbliku minn tmexxija komuni, alloġġ, servizzi u faċilitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' alloġġ; u "diriġent ta' *guest house*" għandha tiftiehem bl-istess mod;

"ġurnata stabbilita", dwar id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 50, 51 u 52 ta' dan l-Att, tfisser il-ġurnata li fiha dawn l-artikoli jiġu fis-seħħ;

"gwida tat-turisti" tfisser persuna li tipprovdi servizz ta' gwida u li ssieħeb persuni f'Malta u madwarha jew xi parti minnha, jew fi jew madwar mużewijiet, monumenti u postijiet oħra ta' interess f'Malta;

"*hostel*" tfisser kull bini, jkun kif ikun deskritt, iżda li ma jkunx lukanda jew *guest house*, li fih jiġu provduti għall-pubbliku minn tmexxija komuni, alloġġ, servizzi u faċilitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' alloġġ li jkunu ta' *standard* bażiku; u "diriġent ta' *hostel*" għandha tiftiehem bl-istess mod;

"liċenza" tfisser liċenza maħruġa bis-saħħa ta' dan l-Att mill-Awtorità;

"lukanda" tfisser kull bini, ikun kif ikun deskritt, li fih ikun provdut għall-pubbliku minn direzzjoni komuni, alloġġ, servizzi u faċilitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' alloġġ, u jinkludi kull għadd ta' bini bħal dak li jkun raggruppat flimkien; u "diriġent ta' lukanda" għandha tiftiehem bl-istess mod;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għat-turiżmu;

"operatur", dwar attività turistika li ma tkunx gwida tat-turisti, tfisser persuna, li ma tkunx sid, li tkun intitolata li tħaddem dik l-attività turistika minn jeddha b'titolu li jitnissel, direttament jew indirettament, minn sid;

"pakkett ta' l-ivvjaġġar" tfisser it-tlaqqigħ flimkien irranġat bil-quddiem ta' mhux inqas minn żewġ elementi minn dawn li ġejjin meta dawn jinbiegħu jew jiġu offerti għall-bejgħ bi prezz inklużiv u meta s-servizz ikun ikopri perijodu ta' iktar minn erbgħa u għoxrin siegħa jew ikun jinkludi akkomodazzjoni matul il-lejl:

(a) trasport;

(b) akkomodazzjoni;

(ċ) servizzi oħra tat-turiżmu li ma jkunux anċillari mat-trasport jew l-akkomodazzjoni u li jkunu l-kawża ta' proporzjon imdaqqas mill-pakkett, u jkunu jinkludu dawk il-kombinazzjonijiet irranġati bil-quddiem ukoll meta diversi komponenti tagħhom jinħarġilhom kont separat;

"post għall-btala" tfisser kull bini, ikun kif ikun deskritt, iżda li ma jkunx lukanda, *guest house, hostel* jew residenza ordinarja tas-sid jew tal-kerrej, skond il-każ, li fih jiġu provduti għat- turisti alloġġ, servizzi, inklużi servizzi ta' *self-catering*, u faċilitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' alloġġ; u jinkludi kull għadd ta' bini bħal dak li jkun raggruppat flimkien; u "diriġent ta' post għall-btala" għandha tiftiehem bl-istess mod;

"preskritt" tfisser preskritt b'regolament, regola, ordni jew strument ieħor magħmul taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li tagħti s-setgħa li jsir dak l-istrument;

"reklam" tfisser l-għemil ta' xbiha f'kull għamla li tkun, f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi sengħa jew negozju sabiex tinġieb 'il quddiem il-provvista ta' oġġetti jew ta' servizzi, inkluż l-għemil ta' xbiha bħal dik, kull kelma, ittra, mudell, sinjal, kartellun, tabella, avviż, *brochure* jew disinn, sew jekk imdawlin sew jekk le, li jkollhom ix-xorta ta' u li jkunu wżati għal kollox jew f'parti għal skop ta' reklam, avviż jew direzzjoni, u kull tavlar jew struttura simili wżata jew addattata għall-użu ta' wiri ta' reklami; u "tirreklama" għandha tiftiehem bl-istess mod;

"sena finanzjarja" tfisser perijodu ta' tnax-il xahar li jtemm fil-31 ta' Diċembru ta' sena li tkun:

Iżda l-ewwel sena finanzjarja ta' l-Awtorità għandha tibda mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att u ttemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara;

"sid", dwar attività turistika li ma tkunx gwida tat-turisti, tfisser persuna li minn jeddha jew bħala aġent ta' ħaddieħor ikollha dritt tirċievi l-kera ta' l-attività fejn din tkun mikrija, jew, jekk din ma tkunx mikrija, li kien ikollha dak id-dritt li kieku dik l-attività kienet hekk mikrija:

Iżda meta attività turistika tkun suġġetta għall-użufrutt, il-frażi "sid" tinkludi s-sid tan-nuda proprjetà;

"stabbiliment li jipprovdi ikel" tfisser kull bini, lokal jew stabbiliment ieħor, inkluż kull kjosk, ikun kif ikun deskritt, li jipprokura b'kumpens ikel u, jew, xorb inkluż kull inbid u spirti, għall-konsum;

"tikklassifika" tinkludi "tikklassifika mill-ġdid", u "klassifikazzjoni" u "klassifikazzjoni mill-ġdid" għandhom jiftiehmu skond hekk;

"turist" tfisser persuna li tivvjaġġa lejn post li ma jkunx dak tas-soltu ambjent tagħha għal inqas minn tnax-il xahar u li toqgħod għal mill-inqas lejl wieħed fil-post li żżur;

"uffiċjal pubbliku" għandha t-tifsir mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni;

"vjaġġatur" tfisser persuna li tidħol f'kuntratt ma' attività turistika li jkollha liċenza għall-provdiment ta' kull servizz dwar l-ivvjaġġar jew li jkollha x'taqsam ma' l-ivvjaġġar ta' xi xorta u ta' kull xorta minn dik l-attività turistika li jkollha liċenza.

TAQSIMA II

Amministrazzjoni

Titolu 1 – L-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta

Twaqqif ta' l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta.

3. (1) Qiegħda b'dan tiġi mwaqqfa awtorità, li tkun magħrufa bħala l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, li tkun magħmula minn ħdax-il membru bil-jedd ta' vot u minn Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni li *ex officio* jkun membru mingħajr vot.

(2) Il-membri ta' l-Awtorità li jkollhom vot ikunu:

(a) sitt persuni li jiġu maħtura mill-Ministru minn fost persuni li jkollhom għarfien u esperjenza fi ħwejjeġ li jkollhom x'jaqsmu ma' l-ivvjaġġar u mat-turiżmu, u li wieħed minnhom għandu jkollu għarfien u esperjenza dwar dak li jiġri f'Għawdex; u

(b) persuna li tiġi maħtura mill-Ministru fuq rakkomandazzjoni ta' dik l-assoċjazzjoni li jkollha għarfien mill-Ministru bħala li tkun l-aktar rappreżentattiva tas-settur tal-lukandi; u

(ċ) persuna li tiġi maħtura mill-Ministru fuq rakkomandazzjoni ta' dik l-assoċjazzjoni li jkollha għarfien mill-Ministru bħala li tkun l-aktar rappreżentattiva tas-settur ta' aġenti tat-turiżmu u ta' l-ivvjaġġar; u

(d) persuna li tiġi maħtura mill-Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-linja ta' l-ajru nazzjonali; u

(e) żewġ persuni li jiġu maħtura mill-Ministru fuq rakkomandazzjoni ta' dawk l-assoċjazzjonijiet l-oħra li jkollhom l-għarfien tal-Ministru bħala li l-aktar jirrappreżentaw setturi oħra li jipprovdu servizzi ta' l-ivvjaġġar u tat-turiżmu.

(3) Il-President ta' l-Awtorità għandu jiġi hekk maħtur mill-Ministru minn fost dawk il-persuni li jkunu ġew maħtura minnu skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu. L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jiġi maħtur mill-Awtorità li, għall-għanijiet ta' dik il-ħatra, għandha titqies li tkun magħmula biss minn dawk il-membri li jkollhom vot.

(4) Ebda persuna ma tikkwalifika biex tiġi nominata, jew biex tibqa', membru ta' l-Awtorità jekk hija tkun membru tal-Kamra tad-Deputati.

(5) Il-membri ta' l-Awtorità għandhom jibqgħu fil-kariga għal żmien mhux iktar minn tliet snin. Kull membru jista', qabel ma jintemm il-perijodu tal-kariga tiegħu, jirriżenja b'ittra indirizzata lill-Ministru:

Iżda:

(a) il-membri ta' l-Awtorità jistgħu jitneħħew mill-kariga mill-Ministru qabel ma jiskadi l-perijodu tal-kariga tagħhom meta, fil-fehma tal-Ministru, ikunu ħatja ta' mġieba ħażina jew meta, fil-fehma tal-Ministru, ikunu inkapaċi li jaqdu d-dmirijiet tal-kariga tagħhom;

(b) persuna li tkun inħatret mill-Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni ta' xi persuna oħra għandha ttemm milli tibqa' f'dik il-kariga meta l-persuna li tkun għamlitilha r-rakkomandazzjoni tiddikjara lill-Ministru li tkun qiegħda tirtira r-rakkomandazzjoni tagħha dwar dik il-persuna.

(6) Persuna li ma tibqax membru ta' l-Awtorità tista', jekk tkun kwalifikata għal hekk, terġa' tiġi maħtura.

(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, il-provvedimenti ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandhom japplikaw għall-Awtorità u jirregolaw il-proċeduri tagħha.

Setgħat u personalità ġuridika ta' l-Awtorità.

4. (1) L-Awtorità tkun korp ġuridiku b'personalità ġuridika distinta u kapaċi, bla ħsara biss għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, li tħarrek u tiġi mħarrka, li tidħol f'kull kuntratt, li takkwista, iżżomm u tiddisponi minn proprjetà ta' kull xorta, sew mobbli sew immobbli, b'kull titolu jew taħt kull titolu u li tagħmel kull ħaġ'oħra jew li tagħmel kull transazzjoni tkun liema tkun.

(2) Ir-rappreżentanza ta' l-Awtorità tkun vestita fil-President:

Iżda l-Awtorità tista' taħtar wieħed jew aktar mill-membri tagħha, jew wieħed jew aktar mill-uffiċjali tagħha, biex jidhru f'isimha u f'lokha f'xi proċedimenti ġudizzjarji jew f'xi att, kuntratt, kitba jew dokument ieħor ikun liema jkun:

Iżda wkoll fejn xi whud mis-setgħat ta' l-Awtorità huma delegati skond is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, ir-rappreżentanza ta' l-Awtorità tkun ukoll vestita f'dak l-uffiċjal eżekuttiv jew uffiċjali eżekuttivi hekk delegat jew delegati safejn ikun neċessarju biex jaqdu tajjeb is-setgħat lilhom mogħtija.

(3) L-Awtorità tista' tiddelega kull setgħa eżekuttiva tagħha lil wieħed jew iżjed mill-uffiċjali eżekuttivi tagħha taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa:

Iżda s-setgħat ta' l-Awtorità li huma konnessi ma' *standards* u kontroll jistgħu jiġu biss delegati lid-Direttorat ta' l-Infurzar.

Funzjoni ta' l-Awtorità.

5. (1) Il-funzjonijiet ta' l-Awtorità jkunu:

(a) li tippromwovi u tiżviluppa Malta bħala destinazzjoni turistika;

(b) li tagħti pariri lill-Gvern dwar attivitajiet turistiċi u li toħroġ liċenzi taħt dan l-Att;

(ċ) li tissorvelja, tikklassifika u tikkontrolla l-liċenzjar ta' u l-i*standards* li għandhom jiġu provduti fi, jew minn, attivitajiet turistiċi;

(d) li tikkontribwixxi lejn it-titjib tal-livell tar-riżorsi umani fl-industrija tat-turiżmu;

(e) li tagħti pariri lill-Gvern dwar l-ippjanar u l-iżvilupp ta' l-industrija tat-turiżmu kif ukoll dwar l-infrastruttura li ssostni l-industrija tat-turiżmu; u

(f) ġeneralment li tassisti u tagħti pariri lill-Gvern dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam ma', jew li tolqot, it-turiżmu, u li tidħol għal, u torganizza, dawk l-attivitajiet u proġetti li tista' tqis li jkunu idonei mat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha.

(2) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha, l-Awtorità taddotta u ssegwi l-politika u l-pjanijiet tal-Gvern u barra minn hekk taġixxi skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull liġi oħra li tapplika; u l-Awtorità tista' tagħmel dawk l-investimenti, kif jista' japprova l-

Ministru, u li jkunu meqjusa li jgħinu fil-promozzjoni u l-avvanz ta' Malta bħala destinazzjoni turistika.

(3) Il-Ministru jista', skond kif jidhirlu xieraq, minn żmien għal żmien, jagħti bil-miktub u jippubblika dawk id-direttivi dwar il-politika u l-pjanijiet tal-Gvern li għandhom jiġu addottati u segwiti mill-Awtorità, u l-Awtorità għandha, kemm jista' jkun malajr, taddotta u ssegwi dawk id-direttivi kollha.

Ħatra ta' uffiċjali.

6. (1) L-Awtorità għandha taħtar dawk l-uffiċjali u impjegati li l-Awtorità minn żmien għal żmien tqis li huma meħtieġa għall-qadi tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att.

(2) L-Awtorità għandha wkoll taħtar wieħed mill-uffiċjali tagħha biex jaġixxi bħala s-segretarju ta' l-Awtorità.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu l-Awtorità tista', bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, toffri lil kull uffiċjal pubbliku li jkun qed iwettaq dmirijiet mad-dipartiment tat-turiżmu impieg permanenti ma' l-Awtorità bil-benefiċċji speċifikati fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu.

(4) Kull uffiċjal pubbliku li jaċċetta impieg permanenti ma' l-Awtorità offert lilu skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu għandu, għall-finijiet kollha barra minn dawk ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, u ta' l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, jitqies li temm milli jkun fis-servizz tal-Gvern u jidħol fis-servizz ta' l-Awtorità b'seħħ mid-data li fiha jkun aċċetta l-offerta jew dik id-data aktar tard miftiehma bejnu u l-Awtorità; u għall-finijiet ta' l-imsemmija Ordinanza u ta' l-imsemmi Att, servizz ma' l-Awtorità jitqies servizz mal-Gvern skond it-tifsir relattiv:

Kap. 93.
Kap. 58.

Iżda għall-għanijiet ta' l-imsemmija Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, l-emolumenti pensjonabbli ta' dak l-uffiċjal meta jirtira għandhom jitqiesu li jkunu l-emolumenti pensjonabbli li jitħallsu lil xi uffiċjal fis-servizz tal-Gvern fi grad u f'livell inkrementali li jikkorrispondi għall-kariga u livell inkrementali li jkollu l-uffiċjal meta jirtira minn ma' l-Awtorità.

(5) (a) Għall-għanijiet tal-proviso li hemm mas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-karigi u l-gradi salarjali ta' l-Awtorità għandhom ikunu klassifikati kemm jista' jkun b'mod korrispondenti għall-gradi u livelli inkrementali fis-servizz mal-Gvern ta' Malta b'riferenza għad-deskrizzjoni tal-kariga, ħila fis-sengħa, responsabbiltà u fatturi oħra bħal dawn.

(b) Il-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu għandha ssir minn bord magħmul minn president li jiġi maħtur mill-Ministeru responsabbli għall-finanzi u minn żewġ membri oħra, wieħed maħtur mill-Ministeru ċentralment responsabbli għal affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-persunal fis-servizz pubbliku u wieħed maħtur mill-Awtorità. Il-klassifikazzjoni tkun suġġetta għall-approvazzjoni finali tal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(ċ) Dik il-klassifikazzjoni għandha tintgħamel fi żmien tliet xhur minn kull aġġustament ta' salarji ta' impjegati fis-servizz tal-Gvern u, jew, ta' impjegati ta' l-Awtorità.

(d) Ebda kariga m'għandha tiġi klassifikata fi grad ogħla minn dak ta' Grad 3 fis-servizz tal-Gvern jew f'dak il-grad li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

(e) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 113 tal-Kostituzzjoni, ħadd ma jista', wara klassifikazzjoni bħal dik imsemmija, ikollu jedd għal xi dritt taħt l-imsemmija Ordinanza dwar il-Pensjonijiet li jkun inqas favorevoli minn dawk li kien ikollu jedd għalihom qabel dik il-klassifikazzjoni.

(6) L-Awtorità għandha f'Jannar ta' kull sena tħallas lill-Gvern id-differenza bejn in-nefqa ta' pensjonijiet u gratifikazzjonijiet li jitħallsu fil-waqt ta' l-irtir mill-Awtorità u n-nefqa tal-pensjoni jew gratifikazzjoni skond il-każ, komputata fil-waqt tat-terminazzjoni tas-servizz ta' l-uffiċjal mal-Gvern biex jiġi impjegat ma' l-Awtorità.

Dispożizzjonijiet finanzjarji.

7. (1) L-Awtorità għandha tingħata b'kapital inizjali l-ammont ta' mitejn u ħamsin elf lira li jiġi mħallas mill-Gvern mill-Fond Konsolidat, mingħajr approprjazzjoni oħra barra minn dan l-Att, b'*warrant* taħt il-firma tal-Ministru responsabbli għall-finanzi li jawtorizza lill-*Accountant General* biex jagħmel il-ħlas.

(2) Wara dan il-ħlas, l-Awtorità għandha titħallas mill-Fond Konsolidat dawk is-somom li l-Kamra tad-Deputati tista' tapprova.

(3) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 47 ta' dan l-Att, il-Ministru jista', fuq ir-rakkomandazzjoni ta' l-Awtorità jagħmel regolamenti li jippreskrivu l-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu lill-Awtorità minn attivitajiet turistiċi u minn dawk il-persuni oħra li l-Ministru jista' jiddikjara bħala benefiċjarji mill-industrija tat-turiżmu.

(4) L-Awtorità għandha tara li jiġi mħejji f'kull sena finanzjarja, u mhux aktar tard minn erba' ġimgħat qabel l-għeluq ta'

dik is-sena taddotta, estimi tad-dħul u ħruġ ta' l-Awtorità għas-sena finanzjarja li tiġi minnufih wara:

Iżda dwar l-ewwel sena finanzjarja, l-Awtorità għandha tħejji u taddotta estimi mhux aktar tard minn tnax-il ġimgħa wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

(5) L-estimi għandhom isiru f'dik l-għamla u għandu jkollhom dik l-informazzjoni u dawk il-paraguni ma' estimi ta' qabel hekk kif il-Ministru jista' jordna.

(6) Kopja ta' l-estimi ta' l-Awtorità għandha, malli dawn jiġu addottati mill-Awtorità, jintbagħtu minnufih lill-Ministru.

(7) Il-Ministru għandu, ma' l-ewwel opportunità u mhux aktar tard minn tmien ġimgħat minn mindu jirċievi kopja ta' l-estimi ta' l-Awtorità, jew, jekk f'xi żmien il-Kamra tad-Deputati ma tkunx qed tiltaqa', fi żmien tmien ġimgħat mill-bidu tas-sessjoni li tiġi minnufih wara, jara li dawk l-estimi jitqiegħdu quddiem il-Kamra flimkien ma' mozzjoni li l-Kamra tapprova dawk l-estimi. Għandha tingħata seduta ta' ġurnata għad-diskussjoni fil-Kamra ta' dik il-mozzjoni; u kemm il-mozzjoni kemm l-approvazzjoni ta' l-estimi mill-Kamra jistgħu jkunu sew b'emendi sew mingħajr emendi għal dawk l-estimi.

(8) L-Awtorità ma tista' tidħol għal ebda spiża li ma tkunx ġiet approvata mill-Kamra tad-Deputati:

Iżda:

(a) sakemm jgħaddu sitt xhur mill-bidu ta' sena finanzjarja jew sa l-approvazzjoni ta' l-estimi għal dik is-sena, l-Awtorità tista' tonfoq jew tidħol għal nefqa biex taqdi l-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att li b'kollox ma tkunx akbar minn nofs l-ammont approvat għas-sena finanzjarja ta' qabel;

(b) nefqa approvata dwar kap jew sotto-kap ta' l-estimi tista', bl-approvazzjoni tal-Ministru, issir dwar kap jew sotto-kap ieħor ta' l-estimi;

(ċ) jekk f'xi sena finanzjarja jinstab li l-ammont approvat mill-Kamra mhux biżżejjed, jew jekk tinqala' l-ħtieġa ta' nefqa għal għan mhux provdut fl-estimi, l-Awtorità tista' taddotta estimi supplimentari għall-approvazzjoni tal-Kamra u, sakemm tingħata dik l-approvazzjoni, iżda suġġett għall-għoti tagħha, l-Awtorità tista' f'ċirkostanzi speċjali bl-approvazzjoni tal-Ministru, tidħol għall-ispiża relattiva; u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att applikabbli għall-estimi għandhom, sa fejn hu prattikabbli, japplikaw għall-estimi supplimentari:

Iżda wkoll, dwar l-ewwel sena finanzjarja ta' l-Awtorità, dan is-subartikolu għandu japplika bħallikieku n-nefqa totali li l-Awtorità tista' tonfoq jew tidħol għaliha, sakemm l-estimi għal dik is-sena jiġu approvati mill-Kamra, ma tistax tkun akbar minn nofs l-ammont muri f'dawk l-estimi.

(9) L-estimi u l-estimi supplimentari kollha approvati mill-Kamra għandhom, kemm jista' jkun malajr, jiġu ppubblikati fil-Gazzetta.

Kontijiet u verifika.

8. (1) L-Awtorità għandha tara li jinżammu kontijiet u dokumentazzjoni oħra xierqa dwar il-ħidma tagħha u għandha tara li jitlesta prospett ta' kontijiet dwar kull sena finanzjarja.

(2) Il-kontijiet ta' l-Awtorità għandhom jiġu verifikati minn awditur jew awdituri maħtura minnha:

Iżda l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jeħtieġ li l-kotba u dokumentazzjoni oħra ta' l-Awtorità jiġu verifikati jew eżaminati mill-Awditur Ġenerali li, għal dan il-għan, ikollu s-setgħa li jagħmel dik il-verifika fiżika u kull verifika oħra, u li jitlob dik l-informazzjoni, hekk kif jidhirlu li jkun meħtieġ.

(3) Wara l-għeluq ta' kull sena finanzjarja, fl-istess ħin li r-rapport ta' ħidma ta' l-Awtorità jintbagħat lill-Ministru skond l-artikolu 9 ta' dan l-Att, l-Awtorità għandha tara li kopja tal-prospett ta' kontijiet verifikati kif dovut jiġu mogħtija lill-Ministru flimkien ma' kopja ta' kull rapport magħmul mill-awditur jew awdituri dwar dak il-prospett jew dwar il-kontijiet ta' l-Awtorità.

(4) Il-Ministru għandu jara li kopja ta' kull prospett u rapport bħal dak titqiegħed quddiem il-Kamra flimkien mal-mozzjoni mqiegħda quddiem il-Kamra taħt l-artikolu 9 imsemmi.

Rapport annwali.

9. (1) L-Awtorità għandha, mhux aktar tard minn tnax-il ġimgħa wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja, tagħmel u tibgħat lill-Ministru rapport tal-ħidma tagħha matul dik is-sena, li jkun fih dik l-informazzjoni dwar il-funzjonijiet u l-proċeduri ta' l-Awtorità hekk kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jeħtieġ flimkien mal-prospett tal-kontijiet verifikati kif provdut fl-artikolu 8.

(2) Il-Ministru għandu jara li kopja ta' kull rapport bħal dak titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fi żmien ġimgħatejn, jew, jekk f'xi żmien il-Kamra tad-Deputati ma tkunx qed tiltaqa' f'sessjoni, fi żmien ġimgħatejn mill-bidu ta' l-ewwel sessjoni li tiġi minnufih wara.

Kuntratti ta' provvista jew xogħlijiet.

10. Ħlief bl-approvazzjoni tal-Ministru, l-Awtorità m'għandhiex tagħmel kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew materjal jew għall-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet jew għall-għoti ta' servizzi, lil jew favur l-Awtorità, li jkun stmat mill-Awtorità bħala li jinvolvi spiża li teċċedi l-mitt elf lira jew kull ammont ieħor li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jippreskrivi, ħlief wara li jkun ġie pubblikat avviż dwar l-intenzjoni ta' l-Awtorità li tagħmel dak il-kuntratt u jkunu nħarġu offerti kompetittivi.

Eżenzjoni minn taxxa.

11. L-Awtorità tkun eżenti minn ħlas ta' taxxa fuq l-*income* jew taxxa fuq dokumenti li tkun minn żmien għal żmien dovuta f'Malta.

Titolu 2 — Id-Direttorati

L-Awtorità tista' tiddelega funzjonijiet eżekuttivi lid-direttorat.

12. (1) Għandu jkun hemm direttorat eżekuttiv li jkun magħruf bħala d-Direttorat ta' l-Infurzar li jkun magħmul minn:

(a) persuna, li tinħatar mill-Awtorità, li taġixxi bħala President; u

(b) żewġ persuni, li jinħatru mill-Ministru, fuq rakkomandazzjoni ta' l-Awtorità, u li wieħed minnhom ikun persuna li jkollu *warrant* li jeżerċita bħala avukat jew *warrant* li jeżerċita bħala prokuratur legali li jkun ilu jeżerċita għal mhux anqas minn ħames snin.

(2) Għandu jkun hemm ukoll id-direttorati eżekuttivi elenkati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, li jkunu magħmula hekk kif jinsabu hemmhekk deskritti. Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità, b'Ordni fil-Gazzetta, jabolixxi xi wieħed jew iktar minn dawk id-direttorati, jibdel l-għamla tagħhom kif ukoll jistabbilixxi dawk id-direttorati eżekuttivi l-oħra li huwa jista' minn żmien għal żmien iqis li jkunu xierqa. Kull direttorat li jiġi hekk stabbilit ikun magħmul minn president u minn dawk il-membri l-oħra hekk kif il-Ministru jista' jistabbilixxi, u dawn għandhom kollha jiġu maħtura minnu:

Iżda l-Ministru għandu jaħtar lil dawk il-membri minn fost persuni li jkollhom l-għarfien u l-esperjenza fil-qasam tal-ħidma ta' xi direttorat partikolari, u li wieħed minnhom għandu jkollu għarfien u esperjenza għar-rigward ta' Għawdex;

Iżda wkoll il-parti l-kbira minn dawk il-membri għandha tinħatar minn fost operaturi fis-settur tat-turiżmu.

(3) L-Awtorità tista' tiddelega lil dawk id-direttorati u teħtieġhom iwettqu dawk il-funzjonijiet tagħha li fost ħwejjeġ oħra jirrigwardaw *marketing* u promozzjoni, żvilupp ta' riżorsi umani, l-ippjanar u l-iżvilupp tal-prodott, servizzi ta' appoġġ fit-turiżmu, *standards*, u dawk il-ħwejjeġ oħra hekk kif hija tista' minn żmien għal żmien tqis li jkun xieraq; u kull delega tal-funzjonijiet tagħha bħal dik tista' ssir hekk kif suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Awtorità tista' tqis li jkunu xierqa u dik is-setgħa tista', f'kull waqt, titticħed lura, għalkollox jew f'parti minnha, mill-Awtorità.

(4) Id-deċiżjonijiet tad-direttorati, inklużi dawk dwar kull liċenza u klassifikazzjoni li huma jagħmlu, għandhom jitqiesu bħala, u għandu jkollhom l-istess saħħa u effett daqslikieku kienu, deċiżjonijiet ta' l-Awtorità, ħlief dwar dawk il-ħwejjeġ li l-Awtorità tirriserva b'mod espress għaliha nnifisha jew teħtieġ li jiġu lilha riferiti biex tieħu deċiżjoni dwarhom.

(5) (a) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jattendi għal kull laqgħa tad-direttorati minbarra f'dawk tad-Direttorat ta' l-Infurzar.

(b) Id-direttur eżekuttiv ta' direttorat jista' jattendi għal kull laqgħa ta' dak id-direttorat.

(6) Il-membri tad-Direttorat ta' l-Infurzar u tad-direttorati eżekuttivi, mwaqqfa bi jew taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, għandhom jibqgħu fil-kariga għal żmien mhux aktar minn tliet snin u għandhom, jekk ikunu xort'oħra kwalifikati, ikunu eliġibbli għall-ħatra mill-ġdid.

(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu u għal kull regola li tista' tintgħamel mill-Awtorità, id-direttorati jistgħu jirregolaw il-proċeduri tagħhom infushom.

(8) Kull Ordni li jsir bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jista' jiġi emendat, sostitwit jew revokat b'Ordni sussegwenti li jintgħamel bl-istess mod.

Titolu 3 – Il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turiżmu

Ħatra ta' Bord ta' l-Appelli dwar it-Turiżmu.

13. (1) Għandu jkun hemm bord, li jkun magħruf bħala l-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turiżmu, magħmul minn avukat li jkun ilu jipprattika għal mhux anqas minn seba' snin, li jippresjedi, u minn żewġ persuni esperti fl-ivvjaġġar u fit-turiżmu, li kull waħda minnhom tkun maħtura mill-Prim Ministru.

(2) Il-Prim Ministru jista' wkoll jaħtar listi ta' membri u f'dan il-każ tkun responsabbiltà tas-segretarju tal-Bord li jiddeċiedi kif

għandu jkun magħmul il-Bord biex jisma' xi appell wieħed jew aktar, u huwa għandu, sakemm ikun prattiku, jiddeċiedi dwar din l-għamla fuq bażi ta' rotazzjoni.

(3) Ebda persuna ma tikkwalifika biex tiġi maħtura, jew biex tibqa', membru tal-Bord jekk hija tkun:

(a) membru tal-Kamra tad-Deputati; jew

(b) uffiċjal pubbliku.

(4) Membru tal-Bord ikun skwalifikat milli jisma' appell f'dawk iċ-ċirkostanzi li jiskwalifikaw imħallef f'kawża ċivili; u f'kull każ bħal dak il-membru jiġi sostitwit b'persuna oħra maħtura mill-Prim Ministru għal dak l-għan.

(5) Il-membri tal-Bord għandhom jibqgħu fil-kariga għal perijodu ta' tliet snin, u jkunu jistgħu jerġgħu jinħatru f'dik il-kariga.

(6) Membru tal-Bord jista' jitneħħa mill-kariga mill-Prim Ministru minħabba f'negliġenza gravi, konflitt ta' interessi, nuqqas ta' kompetenza, jew aġir jew ommissjonijiet li ma jixirqux lil membru tal-Bord.

Funzjonijiet u proċedura tal-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turiżmu.

14. (1) Il-Bord ikun kompetenti:

(a) li jisma' u jiddeċiedi appelli magħmula minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni ta' l-Awtorità li tiċħad milli tagħti jew iġġedded, jew li tirrevoka, jew tissospendi, liċenza; jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet f'liċenza jew dwarha; u

(b) li jisma' u jiddeċiedi appelli magħmula minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni ta' l-Awtorità fuq kull ħaġa li tirrigwarda il-klassifikazzjoni jew klassifikazzjoni mill-ġdid ta' attivitajiet tat-turiżmu u l-infurzar ta' kontroll:

Iżda l-kompetenza tal-Bord tkun limitata li tiżgura li l-politika tal-Gvern u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra applikabbli jkunu ġew implimentati jew applikati sew u li d-diskrezzjoni vestita fl-Awtorità ma tkunx ġiet użata b'mod mhux raġonevoli.

(2) Id-deċiżjonijiet tal-Bord ikunu konklużivi ħlief dwar punti ta' dritt deċiżi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

(3) Id-deċiżjonijiet tal-Bord ikunu jorbtu jekk jittieħdu skond il-fehma ta' tnejn mill-membri tiegħu, u l-membru li ma jkunx jaqbel, jekk ikun hemm, jista' jagħti l-fehma tiegħu separata; u d-deċiżjonijiet kollha tal-Bord għandhom jinqraw fil-pubbliku u jiġu ppubblikati malajr kemm jista' jkun wara s-seduta li fiha jkunu ngħataw.

(4) Għandu jingħata avviż minn qabel ta' mhux inqas minn erbatax-il jum ta' kull laqgħa tal-Bord b'dak il-mod li l-Bord jidhirlu xieraq jew kif jista' jiġi preskritt taħt l-artikolu 47 ta' dan l-Att. Il-Bord għandu jiltaqa' għall-ewwel smigħ ta' l-appell mhux aktar tard minn xahar minn meta jkun ġie preżentat l-appell.

(5) Il-Bord jista' jaħtar esperti u jista' jeħtieġ kull dipartiment tal-Gvern jew aġenzija tal-Gvern li jagħtu lill-Bord dik l-informazzjoni jew parir li l-Bord jista' jqis li jkun meħtieġ għall-qadi xieraq tal-funzjonijiet tiegħu.

(6) Il-Bord għandu jkollu segretarjat amministrattiv indipendenti magħmul minn segretarju għall-Bord u dawk l-uffiċjali jew impjegati oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex il-kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħu jinqatgħu malajr u b'mod effiċjenti. Is-segretarjat jiġi magħżul u maħtur mill-Bord.

(7) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, l-appoġġ amministrattiv u tekniku meħtieġ mill-Bord biex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu għandhom jiġu provduti mill-Awtorità.

(8) Bla ħsara għal dak imsemmi hawn aktar qabel, appelli lill-Bord u t-tmexxija tal-ħidma tal-Bord għandhom isiru skond ir-regoli li hemm fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att; u fin-nuqqas ta' regoli bħal dawk dwar kull ħaġa li tkun, il-Bord jista' jirregola l-proċeduri tiegħu stess.

(9) Appelli quddiem il-Qorti ta' l-Appell minn deċiżjonijiet tal-Bord kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandhom isiru fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tkun ingħatat id-deċiżjoni; u dawk l-appelli għandhom jiġu regolati minn regoli tal-qrati magħmula bis-saħħa ta' l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

Titolu 4 – Dispożizzjonijiet komuni

Membri ta' l-Awtorità, eċċ., jitqiesu uffiċjali pubbliċi għal ċerti għanijiet.

15. Għall-għanijiet tal-Kodiċi Kriminali u ta' kull dispożizzjoni ta' xorta penali f'kull liġi oħra, il-membri ta' l-Awtorità u ta' kull kumitat, bord, kummissjoni jew korp ieħor imwaqqaf b'dan l-Att, u kull uffiċjal u impjegat tagħhom, għandhom jitqiesu li huma u jiġu trattati bħallikieku kienu uffiċjali pubbliċi.

Kap. 9.

Pubblikazzjoni ta' l-ismijiet tal-membri ta' l-Awtorità, eċċ.

16. L-ismijiet tal-membri kollha ta' l-Awtorità, u ta' kull kumitat, bord, kummissjoni jew korp ieħor imwaqqaf b'dan l-Att, inklużi l-listi li minnhom jiġi kostitwit il-Bord, u kull tibdil ieħor f'dawk il-membri, għandhom jiġu pubblikati fil-Gazzetta.

Turija ta' interess f'kuntratt.

17. (1) Membru ta' l-Awtorità u ta' xi kumitat, kummissjoni jew korp ieħor imwaqqaf b'dan l-Att (minbarra l-Bord) li jkollu interess dirett jew indirett f'xi ħaġa partikolari li tiġi kkunsidrata jew li għandha tiġi kkunsidrata quddiem l-Awtorità jew dak il-korp ieħor, għandu jiddikara x-xorta ta' l-interess tiegħu jew fil-laqgħa fejn kwistjoni tiġi kkunsidrata għall-ewwel darba jew, jekk fid-data ta' dik il-laqgħa ma kienx interessat f'dik il-ħaġa, fl-ewwel laqgħa li jmiss wara li jkun sar hekk interessat.

(2) Membru illi jkun taħt obbligu li jiddikjara l-interess tiegħu skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma għandux jivvota f'xi laqgħa dwar dik il-ħaġa partikolari li għandu interess fiha, u jekk jivvota l-vot tiegħu ma jingħaddx, u lanqas ma għandu jingħadd biex jiġi stabbilit il-*quorum* għal dik il-laqgħa.

TAQSIMA III

Alloġġ u Stabbilimenti li Jipprovdu Ikel

Liċenza biex tinżamm lukanda, *guest house, hostel*, postijiet għall-btala, stabbiliment li jipprovdi ikel jew dar li tintuża biex jiġi provdut alloġġ lit-turisti.

18. (1) Ħadd ma jista' jżomm jew imexxi lukanda, *guest house, hostel*, postijiet għall-btala jew stabbiliment li jipprovdi ikel jekk ma jkunx qabel akkwista u ma jkollux liċenza dwarhom.

(2) Ħadd ma jista' jipprovdi alloġġ f'dar lil turisti kemm-il darba ma jkunx qabel kiseb u ma jkollux liċenza dwarhom:

Iżda dan is-subartikolu m'għandux ikun japplika għall-provdiment ta' akkomodazzjoni bħal dik lil qraba jew ħbieb ta' bonafidi meta dik l-akkomodazzjoni tiġi provduta bla ebda ħlas.

(3) Ebda persuna ma tista' tikri lil turist jew tħalli lil turist jokkupa taħt xi titolu, xi dar f'Malta, u lanqas ma tista' tittrasferixxi lil xi turist xi jedd għal kiri, jew xi titolu ieħor għal okkupazzjoni, ta' xi dar bħal dik, u ebda turist ma jista' jikri jew taħt xi titolu jokkupa dar f'Malta, lanqas ma jista' jakkwista xi jedd għal kiri jew xi titolu ieħor għal okkupazzjoni ta' xi dar bħal dik, kemm-il darba ma jkunx hemm dwar dik id-dar liċenza valida maħruġa mill-Awtorità li tawtorizza dak il-kiri, trasferiment jew okkupazzjoni.

(4) Sakemm ma jkunx ġie provdut xort'oħra fil-liċenza jew sakemm ma tkunx ġiet revokata taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kull liċenza bħal dik għandha tibqa' valida sal-wieħed u tletin ta' Diċembru li jaħbat minnufih wara d-data tal-ħruġ tagħha u tista', wara dak inhar, tiġi mġedda minn sena għal sena jew għal perijodu ieħor jew perijodi oħra itwal kif jista' jiġi speċifikat.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4), liċenza tista' f'ċirkostanzi speċjali tingħata fuq bażi temporanja għal perijodu ta' mhux aktar minn disgħin ġurnata, liema perijodu jista', jekk tiġi murija raġuni valida, jiġi mġedded għal perijodu ieħor jew perijodi oħra itwal li b'kollox ma jkunux ta' iżjed minn disgħin ġurnata.

(6) Kull liċenza li tkun ġiet revokata jew li ma tkunx ġiet imġedda għandha tingħata lura lill-Awtorità.

(7) Liċenza tista' tingħata jew tiġi mġedda suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet, limitazzjoniiet u esklużjonijiet li l-Awtorità tista' tqis li jkunu xierqa.

(8) Fil-każ li lukandier jagħmel kuntratt jew xort'oħra jintrabat biex jipprovdi akkomodazzjoni u servizzi oħra, jekk ikun il-każ, fil-lukanda tiegħu u ma jżommx il-kuntratt jew ir-rabta, għaldaqstant, mingħajr preġudizzju għal kull jedd jew rimedju ieħor disponnibli lill-persuna li magħha l-lukandier ikun għamel il-kuntratt jew xort'oħra ntrabat u mingħajr preġudizzju għal kull linja difensiva li l-lukandier ikollu disponibbli, il-lukandier għandu jara li t-turist jew it-turisti li lilhom, jew li dwarhom, l-akkomodazzjoni u servizzi oħra, jekk ikun il-każ, kellhom jiġu provduti, jingħataw akkomodazzjoni u servizzi simili, jekk ikun il-każ, f'lukanda oħra ta' l-istess kategorija jew ta' kategorija ogħla li tkun tinsab kemm jista' jkun biswit il-lukanda tiegħu u l-lukandier ikun responsabbli għal u għandu jħallas għal kull differenza bejn il-prezz għall-akkomodazzjoni u għal servizzi oħra, jekk ikun il-każ, li kellhom jiġu provduti fil-lukanda tal-lukandier u l-prezz li jitħallas f'dik il-lukanda l-oħra:

Iżda meta turist jiġi akkomodat f'lukanda ta' kategorija iktar baxxa minn dik li fiha kellha tiġi provduta l-akkomodazzjoni sew għax hekk jagħżel li jagħmel sew għax il-lukandier ma jkunx jista' jsiblu lukanda alternattiva kif provdut f'dan is-subartikolu, il-lukandier għandu, salv kull rimedju ieħor li jista' jkun disponibbli għat-turisti jew għall-persuna li tkun għamlet il-kuntratt mal-lukandier, minnufih iħallas lill-persuna li magħha jkun għamel il-kuntratt kull differenza bejn il-prezz għall-akkomodazzjoni u servizzi oħra, jekk ikun il-każ, li kellhom jiġu provduti fil-lukanda tal-lukandier u l-prezz imħallas fil-lukanda tal-kategorija iktar baxxa.

Kondizzjonijiet li tahthom tinghata licenza.

19. (1) Ma għandha tingħata jew tiġi mġedda ebda liċenza għall-finijiet ta' l-artikolu 18 ta' dan l-Att ħlief jekk:

(a) il-persuna li tapplika għaliha hi ta' kondotta tajba u hija persuna tajba u idonea biex tingħata liċenza għar-rigward ta' lukanda, *guest house, hostel,* postijiet għall-btala jew stabbiliment li jipprovdi ikel jew li tipprovdi alloġġ lil turisti f'dar, skond il-każ; iżda jekk l-applikant ikun korp ġuridiku jew persuna li ma tkunx il-persuna li sejra tmexxi jew fil-fatt tmexxi l-lukanda, *guest house, hostel*, postijiet għall-btala jew stabbiliment li jipprovdi ikel jew li sejra tipprovdi alloġġ f'dar, l-attributi msemmija f'dan il-paragrafu għandhom f'kull waqt ikunu addottati mill-persuna li tkun responsabbli għal dik it-tmexxija jew l-għotja ta' dak l-alloġġ jew dik il-persuna illi fil-fatt tesegwixxi dik it-tmexxija jew tipprovdi dak l-alloġġ, u b'żieda l-persuna li tkun fil-fatt se tmexxi kif imsemmi qabel għandha tkun kwalifikata u, jew ikollha esperjenza li hekk tmexxi għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità;

(b) il-post li dwaru tkun saret l-applikazzjoni jkun xieraq u adegwat għall-użu bħala lukanda, *guest house, hostel,* post għall-btala, stabbiliment li jipprovdi ikel jew dar li tintuża biex jiġi provdut alloġġ lit-turisti, skond il-każ;

(ċ) l-użu tal-post bħala lukanda, *guest house, hostel*, postijiet għall-btala, stabbiliment li jipprovdi ikel jew dar li tintuża biex jiġi provdut alloġġ lit-turisti jkun użu mixtieq skond il-politika tal-Gvern fiż-żmien tal-konsiderazzjoni ta' l-applikazzjoni biex tingħata l-liċenza.

(2) Lukanda, *guest house, hostel*, postijiet għall-btala, stabbiliment li jipprovdi ikel jew dar li tintuża biex jiġi provdut alloġġ lit-turisti ma għandhiex tuża isem li fil-fehma ta' l-Awtorità jkun wieħed mhux mixtieq, mhux xieraq jew qarrieqi.

Trasferiment ta' liċenza.

20. Liċenza biex tinżamm jew titħaddem lukanda, *guest house, hostel*, postijiet għall-btala, stabbiliment li jipprovdi ikel jew dar li tintuża biex jiġi provdut alloġġ lit-turisti tista', bil-kunsens bil-miktub ta' l-Awtorità li jiġi miksub minn qabel, tiġi trasferita lil kull persuna li fil-fehma ta' l-Awtorità għandha attributi msemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 19 ta' dan l-Att.

Klassifikazzjoni.

21. (1) Lukanda, *guest house, hostel*, postijiet għall-btala, stabbiliment li jipprovdi ikel li jkunu liċenzjati għandhom jingħataw dik il-klassifikazzjoni jew klassifikazzjoni mill-ġdid b'dak il-mod li, skond regolamenti li jistgħu jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien, tkun tirrifletti l-i*standard* u l-livell ta' servizz provdut minn dik il-

lukanda, dik il-*guest house,* dak il-*hostel*, dawk il-postijiet għall-btala, jew dak l-istabbiliment li jipprovdi ikel:

Iżda l-Awtorità ma tkunx obbligata li tikklassifika mill-ġdid lukanda, *guest house, hostel*, postijiet għall-btala, jew stabbiliment li jipprovdi ikel, qabel ma tgħaddi sena mill-aħħar klassifikazzjoni li tkun tat.

(2) Meta l-Awtorità jkun jidhrilha, wara li tkun għamlet dak l-istħarriġ li jidhrilha xieraq, li lukanda, *guest house, hostel,* postijiet għall-btala jew stabbiliment li jipprovdi ikel, ma jkunx qed jinżamm jew jitmexxa skond l-i*standard* mitlub minn lukanda, *guest house, hostel,* postijiet għall-btala jew stabbiliment li jipprovdi ikel, fil-kategorija illi għal dak iż-żmien ikun hekk klassifikat skond regolamenti li jkunu fis-seħħ għal dak iż-żmien, l-Awtorità tista' tikklassifika mill-ġdid il-lukanda, *guest house, hostel,* postijiet għall-btala jew stabbiliment li jipprovdi ikel, f'kategorija inqas. Kull klassifikazzjoni mill-ġdid bħal dik għandha tiġi notifikata lid-detentur tal-liċenza relattiva u għandu jkollha effett minn dik id-data meta tiġi hekk notifikata.

(3) Meta, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 14 ta' dan l-Att, isir appell kontra klassifikazzjoni magħmula mill-Awtorità skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, dik il-klassifikazzjoni ma tibdiex isseħħ qabel ma l-appell ikun ġie finalment deċiż.

(4) Kull ċertifikat ta' klassifikazzjoni li jkun ġie revokat jew sostitwit għandu jingħata lura lill-Awtorità.

Reklami u wiri.

22. Ħadd ma jista' jagħmel reklam jew juri lukanda, *guest house, hostel,* postijiet għall-btala jew stabbiliment li jipprovdi ikel, bħala li jkunu ta' kategorija ogħla minn dik li tagħhom attwalment ikunu skond il-klassifikazzjoni tagħhom, jew bħala li joffru faċilitajiet jew servizzi partikolari li fil-fatt ma jkunux jipprovdu fiż-żmien ta' dak ir-reklam jew wiri.

Liċenza u klassifikazzjoni flimkien.

23. Meta lukanda, *guest house* jew postijiet għall-btala, iħaddnu wieħed jew aktar stabbilimenti li jipprovdu ikel, li kollha kemm huma jkunu taħt l-istess direzzjoni, dawn jistgħu jingħataw liċenza waħda u klassifikazzjoni waħda:

Iżda l-Awtorità tista' tagħti lill-istabbiliment jew stabbilimenti li jipprovdu ikel eżistenti f'dik il-lukanda, *guest house,* jew postijiet għall-btala, klassifikazzjoni jew klassifikazzjonijiet differenti jekk il-livell tas-servizz li hu provdut ikun hekk jeħtieġ jew jitlob.

Reġistru ta' alloġġjanti.

24. Kull diriġent ta' lukanda, diriġent ta' *guest house,* diriġent ta' *hostel,* u diriġent ta' postijiet għall-btala, għandu jżomm reġistru fil-

forma preskritta li fih għandu jara li kull alloġġjant jikteb ismu flimkien ma' dawk il-partikolaritajiet l-oħra li jistgħu jiġu preskritti.

Ir-reġistru għandu jinżamm miftuħ għall-ispezzjon tal-pulizija, eċċ.

25. Kull lukanda, *guest house, hostel* jew postijiet għall-btala, għandhom jippreżentaw dak ir-reġistru għall-ispezzjon kull meta jkun hekk meħtieġ minn xi uffiċjal tal-pulizija mhux taħt il-grad ta' spettur jew minn xi membru ta' l-Awtorità jew minn xi persuna awtorizzata għal hekk bil-miktub mill-President ta' l-Awtorità.

Applikabilità.

26. Bla ħsara għal dawk ir-regolamenti li l-Ministru jista' jagħmel, ebda ħaġa f'din it-Taqsima ta' dan l-Att ma għandha tapplika jew titqies li tapplika b'xi mod għal xi monasteru, kunvent, *boarding school* (li ma tkunx skola li tipprovdi tagħlim f'ilsien jew ilsna barranin lil turisti), kulleġġ jew istitut ta' karità.

TAQSIMA IV

Aġenziji tat-turiżmu li ġej minn barra, aġenziji ta' l-ivvjaġġar u *destination management companies*

Liċenza għat-tmexxija ta' aġenzija tat-turiżmu li ġej minn barra, aġenzija ta' l-ivvjaġġar jew *destination management company*.

27. (1) Ħadd ma jista' jmexxi, jew ikun responsabbli għat-tmexxija ta', negozju ta' aġenzija tat-turiżmu li ġej minn barra, aġenzija ta' l-ivvjaġġar jew *destination management company* jekk ma jkunx qabel kiseb u ma jkollux liċenza relattiva.

(2) Sakemm ma tkunx ġiet revokata qabel taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kull liċenza bħal dik għandha tibqa' valida sal-wieħed u tletin ta' Diċembru li jaħbat minnufih wara d-data tal-ħruġ tagħha u tista', wara dik id-data, tiġi mġedda minn sena għal sena jew għal dak il-perijodu jew dawk il-perijodi itwal kif jista' jiġi speċifikat.

(3) Kull liċenza li tkun ġiet revokata jew li ma tkunx ġiet imġedda għandha tingħata lura lill-Awtorità.

(4) Tista' tinħareġ jew tiġġedded liċenza kif suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet, limitazzjonijiet u esklużjonijiet li l-Awtorità tista' tikkonsidra xieraq.

Kondizzjonijiet li taħthom tingħata liċenza.

28. Ma għandha tinħareġ jew tiġġedded ebda liċenza għall-finijiet ta' l-artikolu 27 ta' dan l-Att ħlief jekk:

(a) il-persuna li tapplika għaliha hi ta' kondotta tajba u hija persuna tajba u idonea biex tingħata liċenza għar-rigward tan-negozju ta' aġent tat-turiżmu li ġej minn barra, aġent ta' l-ivvjaġġar

jew *destination management company* skond il-każ; iżda jekk l-applikant ikun korp ġuridiku jew persuna li ma tkunx il-persuna li fil-fatt tkun sejra tmexxi l-aġenzija jew kumpannija, il-persuna li tkun responsabbli għal dik it-tmexxija jew dik il-persuna illi fil-fatt tesegwixxi dik it-tmexxija għandha wkoll, minbarra l-attributi msemmija f'dan il-paragrafu, tkun kwalifikata u, jew ikollha esperjenza b'sodisfazzjon ta' l-Awtorità;

(b) il-persuna li tapplika għal dik il-liċenza jkollha post u mezzi xierqa għad-dispożizzjoni tagħha għat-tmexxija sew u effiċjenti tan-negozju ta' aġenzija tat-turiżmu li ġej minn barra, aġenzija ta' l-ivvjaġġar jew *destination management company*, skond il-każ; u

(ċ) il-persuna li tapplika għal dik il-liċenza turi għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità li f'kull waqt ser ikollha assigurazzjoni adegwata skond il-ħtiġiet ta' l-artikolu 31 ta' dan l-Att.

Isem ta' l-aġent tat-turiżmu li ġej minn barra, aġent ta' l-ivvjaġġar jew *destination management company*.

29. Aġent tat-turiżmu li ġej minn barra jew aġent ta' l-ivvjaġġar jew *destination management company*, ma għandux jipprovdi xi servizz taħt isem li fil-fehma ta' l-Awtorità jkun mhux mixtieq jew qarrieqi.

Trasferiment ta' liċenza.

30. (1) Liċenza biex jitmexxa n-negozju ta' aġenzija tat-turiżmu li ġej minn barra jew aġenzija ta' l-ivvjaġġar jew *destination management company* tista', bil-kunsens bil-miktub ta' l-Awtorità miksub minn qabel, tiġi trasferita fl-isem ta' kull persuna li fil-fehma ta' l-Awtorità tissodisfa d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 28 ta' dan l-Att.

(2) Aġent tat-turiżmu li ġej minn barra u aġent ta' l-ivvjaġġar u *destination management company* għandhom iħallu għall-wiri l-liċenza tagħhom f'post u b'mod prominenti fil-post tan-negozju tagħhom. Jekk aġent tat-turiżmu li ġej minn barra jew aġent ta' l-ivvjaġġar jew *destination management company* ikunu jaħdmu minn iktar minn post wieħed ta' negozju, il-liċenza tagħhom għandha tiġi murija fil-post prinċipali tan-negozju tagħhom u kopja jew kopji tal-liċenza tagħhom, maħruġa u hekk ċertifikata mill-Ministru mal-ħlas tad-dritt preskritt, għandha bl-istess mod titħalla għall-wiri f'kull post ieħor tan-negozju li jkollhom barra mill-post prinċipali tan-negozju tagħhom.

Assigurazzjoni u fond għall-insolvenza.

31. (1) Kull attività turistika li teħtieġ liċenza taħt dan l-Att, ħlief għal liċenza biex wieħed jagħmilha ta' gwida tat-turisti, għandha tissodisfa lill-Awtorità li f'kull waqt tkun koperta b'polza ta' l-assigurazzjoni dwar responsabbiltà lejn terzi persuni u, b'żieda ma' dan,

jekk l-Awtorità tkun hekk teħtieġ, b'polza ta' assigurazzjoni addizzjonali għal indennizz professjonali, u liema polza jew poloz għandhom ikunu jindennizzaw lill-attività nnifisha, u lil kull persuna li tkun impjegata magħha, jew li tkun qiegħda xort'oħra taġixxi għal dik l-attività, f'dak l-ammont, b'dak il-mod u dwar dawk l-affarijiet hekk kif l-Awtorità tista' tiddeċiedi minn żmien għal żmien.

(2) Kull attività turistika li teħtieġ liċenza taħt dan l-Att għandha, b'seħħ minn data li tiġi speċifikata mill-Awtorità, tikkontribwixxi lejn fond għall-insolvenza li l-Awtorità tista' tistabbilixxi b'dak il-mod u għal dawk l-ammonti u taħt dawk il-kondizzjonijiet, u l-fond ikun immexxi minn dawk il-persuni, hekk kif l-Awtorità tista' tiddeċiedi minn żmien għal żmien; il-fond ikun jipprovdi kumpens lil kull vjaġġatur, attività turistika li jkollha liċenza jew turist għal djun li ma jkunx hemm kontestazzjoni dwarhom jew għal spejjeż inevitabbli iżda meħtieġa li jitnisslu mill-insolvenza ta' attività turistika li jkollha liċenza.

(3) L-Awtorità għandha tara li dawk il-kontribuzzjonijiet li jkunu meħtieġa li jitħallsu minn attivitajiet turistiċi li jkollhom liċenza u li l-kondizzjonijiet, esklużjonijiet u limitazzjonijiet tal-fond għall-insolvenza msemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, għandhom jiġu pubblikati ta' kull sena u li dawn għandhom ikunu raġonevolment relatati mad-daqs u max-xorta ta' riskju li jkun qed jiġi aċċettat mill-fond minn kull attività turistika li jkollha liċenza partikolari; kull kumpens li jiġi offrut mill-fond għandu jiġi pubblikat fi żmien sitt xhur mill-insolvenza ta' l-attività turistika li jkollha liċenza.

TAQSIMA V

Ġiti Organizzati

Liċenza biex jitmexxa n-negozju ta' operatur ta' ġiti organizzati.

32. (1) Ħadd ma jista' jmexxi, jew ikun responsabbli għat-tmexxija ta' negozju ta' operatur ta' ġiti organizzati, jekk ma jkunx qabel akkwista u ma jkollux liċenza relattiva.

(2) Sakemm ma tkunx ġiet revokata qabel taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kull liċenza bħal dik għandha tibqa' valida sal-wieħed u tletin ta' Diċembru li jaħbat minnufih wara d-data tal-ħruġ tagħha u tista', wara dik id-data, tiġi mġedda minn sena għal sena jew għal dak il-perijodu jew dawk il-perijodi itwal kif jista' jiġi speċifikat.

(3) Kull liċenza li tkun ġiet revokata jew li ma tkunx ġiet imġedda għandha tingħata lura lill-Awtorità.

(4) Tista' tingħata jew tiġġedded liċenza kif suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet, limitazzjonijiet u esklużjonijiet li l-Awtorità tista' tikkonsidra xierqa.

Kondizzjonijiet li taħthom tingħata liċenza.

33. Ma għandha tinħareġ jew tiġġedded ebda liċenza għall-finijiet ta' l-artikolu 32 ta' dan l-Att ħlief jekk:

(a) il-persuna li tapplika għaliha hi ta' kondotta tajba u hija persuna tajba u idonea biex tingħata liċenza għar-rigward tan-negozju ta' operatur ta' ġiti organizzati; iżda jekk l-applikant ikun korp ġuridiku jew persuna li ma tkunx il-persuna li fil-fatt tkun sejra torganizza l-ġiti organizzati, il-persuna li tkun responsabbli għal dik l-attività jew dik il-persuna illi fil-fatt tesegwixxi dik l-attività għandha wkoll, minbarra l-attributi msemmija f'dan il-paragrafu, tkun kwalifikata u, jew ikollha esperjenza b'sodisfazzjon ta' l-Awtorità;

(b) il-persuna li tapplika għal dik il-liċenza jkollha l-mezzi xierqa għad-dispożizzjoni tagħha għat-tmexxija sew u effiċjenti ta' ġiti organizzati.

Provdiment ta' servizzi minn operatur ta' ġiti.

34. Operatur ta' ġiti organizzati m'għandu jipprovdi ebda servizz –

(a) taħt isem li fil-fehma ta' l-Awtorità ma jkunx wieħed mixtieq jew xieraq jew ikun wieħed qarrieqi, u

(b) kemm-il darba ma jiġux provduti s-servizzi ta' gwida tat-turisti għal xi ġita bħal dik.

Trasferiment ta' liċenza.

35. (1) Liċenza biex jitmexxa n-negozju ta' operatur ta' ġiti organizzati tista', bil-kunsens bil-miktub ta' l-Awtorità miksub bil-quddiem, tiġi trasferita fl-isem ta' kull persuna li fil-fehma ta' l-Awtorità tissodisfa d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 33 ta' dan l-Att.

(2) Operatur ta' ġiti organizzati għandu jħalli għall-wiri l-liċenza tiegħu f'post u b'mod prominenti fil-post tan-negozju tiegħu. Jekk operatur ta' ġiti organizzati jkun jaħdem minn iktar minn post wieħed ta' negozju, il-liċenza tiegħu għandha tiġi murija fil-post prinċipali tan-negozju tiegħu u kopja jew kopji tal-liċenza tiegħu, maħruġa u hekk ċertifikata mill-Awtorità mal-ħlas tad-dritt preskritt, għandha bl-istess mod titħalla għall-wiri f'kull post ieħor tan-negozju li jkollu barra mill-post prinċipali tan-negozju tiegħu.

TAQSIMA VI

Gwidi tat-Turisti

Liċenza għal gwida tat-turisti.

36. (1) Ebda persuna ma għandha tagħmilha, jew tkun responsabbli bħala li qiegħda tagħmilha, ta' gwida tat-turisti jekk ma tkunx qabel kisbet u ma jkollhiex liċenza relattiva.

(2) Sakemm ma tkunx ġiet revokata qabel taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kull liċenza bħal dik għandha tibqa' valida sal-wieħed u tletin ta' Diċembru li jaħbat minnufih wara d-data tal-ħruġ tagħha u tista', wara dik id-data, tiġi mġedda minn sena għal sena jew għal dak il-perijodu jew dawk il-perijodi itwal kif jista' jiġi speċifikat.

(3) Kull liċenza li tkun ġiet revokata jew li ma tkunx ġiet imġedda għandha tingħata lura lill-Awtorità.

(4) Tista' tinħareġ jew tiġġedded liċenza suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet, limitazzjonijiet u esklużjonijiet li l-Awtorità tista' tikkonsidra xierqa.

Kondizzjonijiet li taħthom tingħata liċenza.

37. Ma għandha tinħareġ jew tiġġedded ebda liċenza għall-finijiet ta' l-artikolu 36 ta' dan l-Att ħlief jekk:

(a) il-persuna li tapplika għaliha hi ta' kondotta tajba u hija persuna idonea, tajba u kwalifikata biex tagħmilha ta' gwida tat-turisti; u

(b) għar-rigward tal-ħruġ biss ta' liċenza, dak il-ħruġ ikun hekk mixtieq skond il-politika tal-Gvern kif pubblikata fil-waqt tal-konsiderazzjoni ta' l-applikazzjoni biex tinħareġ il-liċenza.

Isem tal-gwida tat-turisti.

38. Gwida tat-turisti għandha tipprovdi s-servizzi tagħha taħt l-isem tagħha personali.

Trasferiment ta' liċenza.

39. (1) Liċenza biex tagħmilha ta' gwida tat-turisti ma tistax tiġi trasferita jew assenjata.

(2) Gwida tat-turisti għandha turi l-liċenza tagħha għall-ispezzjon fuq talba ta' xi membru ta' l-Awtorità jew ta' xi persuna oħra li tkun ġiet awtorizzata bil-miktub għaldaqstant mill-Awtorità jew mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni ta' l-Awtorità jew ta' xi persuna li tkun talbet is-servizzi tagħha jew li lilha jkunu ġew offruti s-servizzi tagħha.

TAQSIMA VII

Infurzar ta' Kontroll

Sorveljar fuq attivitajiet turistiċi.

40. L-Awtorità għandha tissorvelja u tikkontrolla kull attività turistika biex tiżgura li attivitajiet turistiċi huma mwettqin biss skond id-dispożizzjonijiet ta'dan l-Att u b'osservanza ta' kull deċiżjoni leġittima taħt dan l-Att; u għall-għanijiet ta' dak is-sorveljar u kontroll il-President tad-Direttorat ta' l-Infurzar jew kull persuna minnu awtorizzata għaldaqshekk għandu jkollu l-jedd f'kull ħin li jidħol u jispezzjona kull attività turistika, li ma tkunx gwida tat-turisti.

Notifika ta' avviż.

41. (1) Jekk l-Awtorità jidhrilha li xi attività turistika qiegħda titwettaq mingħajr il-liċenza meħtieġa għal hekk skond dan l-Att, jew li xi kondizzjonijiet li għalihom il-liċenza għal attività turistika tkun soġġetta ma jkunux qegħdin jiġu mħarsa, jew li xi attività turistika li jkollha liċenza tkun qiegħda titmexxa kontra xi dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula taħtu jew li ġraw ċirkostanzi li jiġġustifikaw ir-revoka ta' liċenza, l-Awtorità għandha tinnotifika lis-sid ta' l-attività turistika jew, fil-każ ta' gwida tat-turisti, lill-gwida tat-turisti, b'avviż li jkun jeħtieġ li l-attività turistika tieqaf minnufih, jew, f'dawk il-każijiet li ma jkunux jirrigwardaw attività turistika li ma jkollhiex liċenza, li dik l-attività turistika tieqaf minnufih jew li dik l-irregolarità tiġi korretta.

(2) Kopja ta' l-avviż mogħti taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tista' tiġi notifikata wkoll lill-operatur ta' dik l-attività turistika u lil kull wieħed mill-impjegati f'dik l-attività turistika u kopja ta' l-avviż għandha titwaħħal f'post prominenti fid-dħul ta' kull bini użat għal attività turistika jew li jkollu x'jaqsam ma' dik l-attività.

(3) Ħlief kif provdut xort'oħra f'dan l-artikolu, avviż mogħti taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu (f'dan l-Att imsejjaħ ukoll "avviż ta' infurzar") għandu –

(a) dwar kull ħtieġa li twaqqaf jew tipprojbixxi t-twettiq ulterjuri ta' attività turistika, jieħu effett minnufih hekk kif l-avviż jiġi notifikat;

(b) dwar kull ħaġa oħra, jieħu effett minnufih hekk kif l-avviż jiġi notifikat jew ma' l-għeluq ta' dak iż-żmien li jista' jiġi speċifikat fl-avviż.

(4) Kull persuna li tħossha aggravata b'avviż ta' infurzar lilha notifikat tista', fi żmien ħmistax-il ġurnata min-notifika ta' l-avviż, tappella kontra tiegħu quddiem il-Bord; u dwar kull appell bħal dak il-Bord:

(a) jekk ikun sodisfatt li liċenza kienet fis-seħħ taħt dan l-Att għal dik l-attività turistika li għaliha jirreferi l-avviż ta' infurzar, jew li ma kienet meħtieġa ebda liċenza għaliha, skond il-każ, jew li l-kondizzjonijiet li għalihom dik il-liċenza kienet suġġetta ġew imħarsa, u li l-attività turistika li għaliha l-avviż ta' infurzar jirreferi kienet qiegħda titmexxa skond id-dispożizzjonijiet ta'dan l-Att u ta' kull regolament magħmul taħtu, għandu jħassar l-avviż ta' infurzar li dwaru jkun sar l-appell jew dik il-parti minnu li dwarha l-Bord ikun sodisfatt kif hawn aktar qabel imsemmi;

(b) f'kull każ ieħor, għandu jiċħad l-appell.

(5) Meta fiż-żmien imsemmi fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu jsir appell kontra avviż ta' infurzar, l-avviż, għar-rigward ta' kull ħtieġa minbarra ħtieġa li titwaqqaf jew tiġi projbita t-tkomplija ta' attività turistika, għandu jiġi sospiż sakemm tingħata d-deċiżjoni finali fuq dak l-appell, u jekk l-appell jiġi milqugħ l-avviż ta' infurzar għandu jieqaf mis-seħħ.

(6) Meta l-appell ma jiġix milqugħ, il-Bord jista' dwar kull ħtieġa, barra minn ħtieġa li twaqqaf jew tipprojbixxi kull tkomplija ta' attività turistika, jordna li l-avviż ma jibdiex iseħħ qabel dik id-data li l-Bord ikun jidhirlu li tkun adatta.

Dispożizzjonijiet supplimentari dwar l-infurzar.

42. (1) Jekk xi passi jew azzjoni oħra, kompriżi n-nuqqas ta' tkomplija, it-twaqqif jew ħtieġa oħra bħalhom, li għandhom jittieħdu b'avviż ta' infurzar, ma jkunux ittieħdu fiż-żmien speċifikat fl-avviż, jew minnufih jekk ikun hekk meħtieġ, l-Awtorità tista' tidħol fl-attività turistika, minbarra gwida tat-turisti, li dwarha dak l-avviż ta' infurzar ikun ġie notifikat u tieħu dawk il-passi, inkluż mingħajr limitazzjoni, l-għeluq ta' dik l-attività turistika jew azzjoni oħra kif meħtieġa miċ-ċirkostanzi, u tista' għal dak l-għan titlob l-għajnuna tal-pulizija li għal dak l-għan jistgħu jeżerċitaw dawk is-setgħat li għandhom biex jipprevjenu r-reati u biex jinfurzaw il-liġi u jżommu l-bonordni.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ebda mandat kawtelatorju jew ordni ieħor m'għandu jinħareġ jew jingħata minn ebda qorti, li jżomm l-Awtorità milli teżerċita xi waħda mis-setgħat mogħtija lilha b'dan l-artikolu.

(3) L-ispejjeż kollha li tkun daħlet għalihom l-Awtorità biex tesegwixxi avviż ta' infurzar taħt dan l-artikolu jkunu jistgħu jiġu rkuprati bħala dejn ċivili mill-Awtorità, mingħand il-persuna li f'dak iż-żmien tkun is-sid ta' l-attività turistika jew, fil-każ ta' gwida tat-turisti, mingħand il-gwida tat-turisti li għaliha jirreferi l-avviż ta' infurzar, bla ħsara għall-jedd ta' dik il-persuna li tiġborhom mingħand xi persuna oħra.

TAQSIMA VIII

Reati u Pieni

43. (1) Kull min – Reati u pieni.

(a) mingħajr ma jkun fil-pussess ta' liċenza valida, imexxi xi attività turistika jew jippermetti li xi attività turistika tiġi mmexxija minn jew fi proprjetà li tagħha jkun is-sid jew komproprjetarju jew li minnha jew fiha jkun seta' mexxa dik l-attività li kieku kien fil-pussess ta' liċenza valida; jew

(b) waqt li jkun fil-pussess ta' liċenza valida, jonqos li jħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet applikabbli ta' dan l-Att jew xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni oħra li għaliha tkun suġġetta l-liċenza; jew

(ċ) wara li jkun ġie notifikat b'avviż ta' infurzar jew avviż ieħor taħt l-artikolu 41 ta' dan l-Att, jonqos milli jħares xi waħda mill-ħtiġiet ta' dak l-avviż fiż-żmien speċifikat fih jew minnufih, skond il-każ; jew

(d) iżomm, jostakola, jimmolesta jew xort'oħra jfixkel, jew jipprova jżomm, jostakola, jimmolesta jew ifixkel, xi uffiċjal, impjegat jew aġent ta' l-Awtorità, jew xi uffiċjal tal-pulizija, fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu taħt il-liġi, jew jonqos milli jagħmel dak li raġonevolment jiġi mitlub li jagħmel minn uffiċjal, impjegat, aġent jew uffiċjal tal-pulizija bħal dak jew xort'oħra milli jgħinhom fil-qadi ta' dawk id-dmirijiet tagħhom, jew li xjentement jagħti lil dak l-uffiċjal jew impjegat jew aġent jew uffiċjal tal-pulizija informazzjoni falza għall-għanijiet hawn aktar qabel imsemmija; jew

(e) xjentement jagħmel dikjarazzjoni għal xi għan partikolari ta' dan l-Att li tkun falza, qarrieqa jew mhux korretta f'xi aspett materjali; jew

(f) jonqos li jħares id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 31 ta' dan l-Att,

ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att u għandu, meta jinsab hekk ħati, jeħel multa ta' mhux anqas minn ħames mitt lira u mhux aktar minn għaxart elef lira, u f'każ ta' reat taħt il-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu, jew dwar reat taħt il-paragrafu (ċ) ta' dan is-subartikolu, jekk il-ħati jibqa' għaddej bir-reat għal aktar minn tliet xhur, ukoll għal priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur u mhux aktar minn tliet snin.

(2) Il-qorti, minbarra li taghti l-piena msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, għandha tordna lill-ħati biex ineħħi l-kawżi tar-reat u li jreġġa' lura kull ħaġa li tkun saret mingħajr liċenza jew li jħares il-kondizzjonijiet imposti fil-liċenza, skond il-każ, fi żmien biżżejjed għal dak l-iskop, iżda f'ebda każ għal żmien itwal minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, kif jiġi stabbilit mill-qorti; u, jekk il-ħati jonqos milli jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, jeħel multa ta' mhux anqas minn ħames mitt lira u mhux aktar minn ħamest elef lira, hekk kif il-qorti tista' tistabbilixxi, għal kull ġurnata li n-nuqqas ikompli wara li jiskadi l-imsemmi żmien.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation* ta' Ħatjin ma japplikawx dwar reati msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(4) Proċedimenti kontra persuna għal xi reat imsemmi fis-
Kap. 152. subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom jittieħdu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond il-każ, bħala qorti ta' ġudikatura kriminali skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali:

Iżda, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 376 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali, il-qorti għandha, fuq talba tal-prosekuzzjoni jew
Kap. 9. ta' l-akkużat, tniżżel ix-xiehda mogħtija mix-xhieda bil-mod provdut jew fl-artikolu 390 (6) ta' l-imsemmi Kodiċi jew f'xi liġi oħra li tkun isseħħ f'dak iż-żmien.

(5) Fi prosekuzzjoni kontra persuna akkużata li tkun żammet jew mexxiet lukanda, *guest house*, *hostel*, jew postijiet għall-btala mingħajr liċenza kif provdut fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 18, jew li tkun akkużata li pprovdiet alloġġ lil turisti, li ma jkunux ħbieb jew qraba ta' bona fide li jiġu provduti b'dak l-alloġġ mingħajr ebda ħlas, mingħajr liċenza kif provdut fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 18, ikun biżżejjed għall-prosekuzzjoni li tagħmel prova li l-akkuzat kellu kontroll tal-fond li dwaru tkun qiegħda ssir l-akkuża; u li meta sar spezzjoni f'dak il-fond, kienu nstabu fih xi turist jew turisti; li f'dak il-fond kien hemm faċilitajiet għall-irqad; li f'dak il-fond ikunu nstabu oġġetti personali ta' dak it-turist jew dawk it-turisti; u li l-fond ma kellux liċenza kif dovut, u ma jkunx meħtieġ li jinġiebu bħala xhieda dak it-turist jew dawk it-turisti jew dawk l-oġġetti personali bi prova, u l-Qorti għandha tqis dik l-akkuża bħala waħda ppruvata kemm-il darba l-akkużat ma jġibx prova li dak it-turist jew dawk it-turisti kienu debitament alloġġati ġewwa fond liċenzjat jew li dak it-turist jew dawk it-turisti kienu ħbieb jew qraba ta' bona fide.

(6) Fi prosekuzzjoni kontra persuna li tiġi akkużata bħala kompliċi f'xi reat wieħed jew aktar minn dawk elenkati fis-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, ikun biżżejjed għall-prosekuzzjoni

li tagħmel prova li l-fond li dwaru tkun qiegħda ssir l-akkuża ma kienx debitament liċenzjat kif hemm provdut fis-subartikolu (1) jew (2) ta' l-artikolu 18, skond il-każ; li, meta sar spezzjon f'dak il-fond, kienu nstabu fih xi turist jew turisti; li f'dak il-fond kien hemm faċilitajiet għall-irqad; li f'dak il-fond ikunu nstabu oġġetti personali ta'dak it-turist jew dawk it-turisti; u li l-akkomodazzjoni fil-fond tkun inkisbet minn jew għal dik il-persuna jew dawk il-persuni permezz ta' l-intervent, isir kif isir, tal-persuna imputata, u l-prosekuzzjoni m'għandhiex tkun meħtieġa li ġġib bħala xhieda lil dak it-turist jew dawk it-turisti jew bħala prova dawk l-oġġetti personali, u l-Qorti għandha tqis dik l-akkuża bħala ppruvata kemm-il darba l-imputat iġib prova li qabel ma daħal biex jikseb dik l-akkomodazzjoni, għamel stħarriġ diliġenti dwar il-liċenzjar tal-fond jew li, fiċ-ċirkostanzi, huwa ma setax b'mod raġonevoli jkun mistenni li jaf li l-fond ma kellux liċenza kif dovut.

Kopji ċertifikati ta' ċerti dokumenti.

44. F'kull proċediment jew prosekuzzjoni taħt dan l-Att, kopja ta'kull ordni, avviż, deċiżjoni jew dokument ieħor li juri li jkun sar taħt dan l-Att u li juri li jkun ġie ffirmat mill-President ta' l-Awtorità jew mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni ta' l-Awtorità, għandha tiġi aċċettata bħala prova ta' l-ordni, avviż, deċiżjoni jew dokument ieħor, u tal-fatti li jidhru fiha, mingħajr il-ħtieġa ta' ebda prova oħra.

Proċedura speċjali.

45. (1) Minkejja kull liġi oħra li tipprovdi għal proċedimenti u pieni dwar reati, meta l-Awtorità jkollha tassew għaliex taħseb li persuna tkun ikkommettiet reat kontra dan l-Att, barra minn reat taħt il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 43 ta' dan l-Att, l-Awtorità tista' tagħti lil dik il-persuna avviż bil-miktub fejn tiddeskrivi r-reat li dik il-persuna tkun qiegħda tiġi akkużata dwaru u tindika l-passi li għandhom jittieħdu sabiex jiġi rimedjat dak ir-reat u l-penali li hi għandha tħallas dwar dak ir-reat:

Iżda l-Awtorità ma tistax titlob il-ħlas ta' penali ta' aktar minn elf lira.

(2) Meta jkun ingħata avviż taħt dan l-artikolu, il-persuna msemmija fl-avviż tista', fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata min-notifika ta' l-avviż, taċċetta responsabbiltà għar-reat speċifikat fl-avviż u f'dak l-istess żmien, jew dak iż-żmien ulterjuri li l-Awtorità tista' tippermetti, tirrimedja għar-reat u tħallas, jew tintrabat bil-miktub li tħallas, il-penali indikata fl-avviż jew dik il-penali li l-Awtorità tista' taċċetta minflokha, u f'kull każ bħal dak:

(a) il-persuna msemmija fl-avviż titqies li tkun għamlet ir-reat u li tkun ammettiet il-ħtija tagħha dwaru, u l-penali mħallsa, jew li tkun intrabtet li tħallas, għandha tkun dik il-penali li hija kellha tħallas;

(b) jekk ir-reat jiġi rimedjat u l-penali titħallas f'dak iż-żmien, jew f'dak iż-żmien kif imsemmi qabel, ebda proċedimenti oħra ma jkunu jistgħu jittieħdu kontra dik il-persuna dwar l-istess fatti;

(ċ) jekk il-penali ma titħallasx f'dak iż-żmien ulterjuri kif imsemmi qabel, din għandha titqies bħallikieku kienet multa ordnata biex titħallas mill-qorti li kien ikollha kompetenza li tisma' l-każ dwar ir-reat, u jistgħu isiru proċedimenti skond hekk bħal li kieku kienet ordni ta' dik il-qorti.

(3) Jekk persuna li lilha jingħata avviż taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma taċċettax responsabbiltà għar-reat jew, wara li tkun aċċettat dik ir-responsabbiltà, tonqos milli tirrimedja r-reat fiż-żmien hawn aktar qabel imsemmi, għandhom jinbdew kontriha l-proċedimenti ordinarji skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, ta' dan l-Att u ta' kull liġi oħra applikabbli għal dak ir-reat.

Kap. 9.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' Appelli Kriminali minn kull sentenza mogħtija fi proċedimenti li joħorġu minn dan l-Att jew minn kull regolamenti, regoli jew ordnijiet magħmulin taħtu.

TAQSIMA IX

Supplimentari

Setgħa li tagħmel regolamenti tinkludi s-setgħa li tirrevoka, eċċ.
Kap. 249.

46. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, kull setgħa mogħtija b'dan l-Att għall-ħruġ ta' liċenzi, l-għoti ta' kull klassifikazzjoni jew klassifikazzjoni mill-ġdid, l-għemil ta' regolamenti, regoli, ordnijiet, listi, skedi u kull strument ieħor ta' xorta bħal dik tinkludi s-setgħa li minn żmien għal żmien kull strument bħal dak jista' jiġi revokat, sospiż, sostitwit, emendat, mibdul, jew ikollu xi ħaġa miżjuda miegħu jew imħassra minnu.

Setgħa li jsiru regolamenti.

47. (1) Il-Ministru jista', bir-rakkomandazzjoni ta' l-Awtorità, jagħmel regolamenti biex jirregola jew xort' oħra jipprovdi dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' attivitajiet turistiċi sabiex jagħti effett aktar sħiħ lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u, b'mod partikolari, iżda mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, jista' b'dawk ir-regolamenti:

(a) jirregola l-i*standards,* il-livell ta' servizzi u faċilitajiet f'attivitajiet turistiċi, kif ukoll kull ħaġ'oħra li għandha x'taqsam

magħhom, billi titqies kull konsiderazzjoni rilevanti, inkluża l-politika dwar it-turiżmu minn żmien għal żmien, il-klassifikazzjoni, is-saħħa u s-sanità;

(b) jeħtieġ li xi kategorija jew klassi ta' impjegati f'xi ħidma tat-turiżmu għandu jkollha dawk il-liċenzi jew għandu jkollha dawk iċ-ċertifikati ta' kompetenza ħekk kif jista' jiġi preskritt;

(ċ) jirregola l-promozzjoni ta' *time-sharing resorts,* u servizzi provduti minnhom;

(d) jirregola kull provdiment dwar servizzi ta' pakkett ta' l-ivvjaġġar;

(e) jippreskrivi l-għamla ta' kull avviż, ordni jew dokument ieħor li dan l-Att jawtorizza jew jeħtieġ li jsir jew li jiġi notifikat jew li jingħata;

(f) jippreskrivi l-mod kif id-dritt għal liċenza jew ħlas ieħor dovut skond dan l-Att għandu jiġi stabbilit, magħmul, kontrollat, miġbur, allokat jew xort'oħra trattat;

(ġ) sakemm mhux provdut xort'oħra, jippreskrivi l-proċedura li xi korp imwaqqaf b'dan l-Att għandu jsegwi, u jemenda, iżid ma' jew xort'oħra jibdel kull ħaġa li hemm fl-iskedi li jinsabu ma' dan l-Att;

(ħ) jippreskrivi d-drittijiet li għandhom jitħallsu lill-Awtorità għas-servizzi provduti minnha, jew dwar xi ħaġa li dwarha huwa meqjus li għandu jitħallas dritt;

(i) jistabbilixxi kodiċijiet ta' etika u ta' kondotta għal attivitajiet turistiċi: iżda, meta tkun qiegħda tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-Ministru, l-Awtorità għandha tikkonsulta u, sakemm ikun jaqbel u possibbli, taddotta dawk ir-rakkomandazzjonijiet li tirċievi mingħand l-assoċjazzjonijiet rikonoxxuti mill-Ministru bħala li jirrappreżentaw is-setturi diversi b'interess fit-turiżmu;

(j) jippreskrivi x'ikunu dawk il-poloz ta' assigurazzjoni li d-detenturi ta' liċenzi taħt dan l-Att għandhom ikunu koperti bihom;

(k) jipprovdi dwar kull għan li dwaru huma awtorizzati jew meħtieġa li jsiru regolamenti minbarra dawk li jsiru mill-Awtorità nnifisha.

(2) Kull regolament magħmul taħt dan l-Att jista' jipprovdi dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam mar-responsabbiltà għat-tħaris ta' dawk ir-regolamenti, u għall-persuni li jistgħu jkunu hekk responsabbli, u għal kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' l-infurzar ta' l-imsemmija regolamenti, inkluż, iżda mhux limitat għal, provvediment dwar multa ta' mhux aktar minn elf lira għal kull ksur jew nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti.

Għotja ta' servizzi minn aġenzija tal-Gvern.

48. (1) Ebda servizz li jikkonsisti fil-provvista ta' ilma, elettriku, telefon, *telex, facsimile*, jew f'xi servizz ieħor jew f'xi utilità, ma għandu jingħata lil attività turistika ġdida, minbarra gwida tat-turisti, minn aġenzija tal-Gvern jekk dik l-attività turistika ma jkollhiex ċertifikat maħruġ mill-Awtorità li jkun jiddikjara li dik l-attività turistika hi waħda approvata u li l-kondizzjonijiet kollha tal-liċenza li għandha tinħarġilha huma, fid-data taċ-ċertifikat, imwettqa. F'dan is-subartikolu "attività turistika ġdida" tfisser attività turistika li tibda jew tinbeda wara d-data li fiha dan l-Att jiġi fis-seħħ.

(2) Kull servizz li jikkonsisti fil-provvista ta' ilma jew elettriku provdut minn aġenzija tal-Gvern lil xi attività turistika, minbarra gwida tat-turisti, jista' jiġi sospiż jew irtirat jekk dik l-attività turistika ma jkollhiex liċenza jew, jekk ikollha liċenza, ikun hemm avviż ta' infurzar fis-seħħ kontriha.

Notifika ta' avviżi.

49. (1) Meta xi avviż jew strument jew dokument ieħor, ikun x'ikun, huwa meħtieġ jew awtorizzat sabiex jiġi notifikat jew mogħti skond jew taħt dan l-Att, dan jista' jiġi notifikat jew mogħti f'kull wieħed mill-modi li ġejjin:

(a) billi jingħata f'idejn il-persuna li għandha tiġi notifikata jew li lilha għandu jingħata; jew

(b) billi jitħalla fil-post fejn soltu toqgħod, jew fejn l-aħħar kienet toqgħod, dik ill-persuna jew, jekk dik il-persuna tkun tat indirizz bil-għan ta' notifika, f'dak l-indirizz; jew

(ċ) billi jintbagħat b'ittra reġistrata indirizzata lil dik il-persuna fil-post ta' abitazzjoni jew fl-indirizz bil-għan ta' notifika kif hawn aktar qabel imsemmi; jew

(d) fil-każ ta' korp ġuridiku jew għaqda oħra ta' persuni, billi jingħata f'idejn uffiċjal jew impjegat tagħhom fl-uffiċċju reġistrat jew prinċipali, jew billi jintbagħat b'ittra reġistrata indirizzata lil dak il-korp hawn aktar qabel imsemmi f'dak l-uffiċċju; jew

(e) f'kull każ li fih ma jkunx raġonevolment possibbli li ssir notifika b'xi wieħed mill-modi hawn qabel imsemmija, sew lil kull waħda mill-persuni li lilhom għandha ssir in-notifika jew jingħata l-avviż, sew lil xi waħda jew aktar minnhom, billi d-dokument li għandu jiġi notifikat jew mogħti jitwaħħal f'post prominenti ġewwa l-fond li jkun jirreferi għalih u jinżamm hekk imwaħħal għal żmien mhux anqas minn sebat ijiem tax-xogħol u billi jiġi ppubblikat il-kontenut tiegħu fil-Gazzetta.

(2) Meta l-avviż jew dokument ieħor huwa meħtieġ jew awtorizzat li jiġi notifikat jew mogħti lil xi persuna bħala li għandha xi interess f'attività turistika, u l-isem ta' dik il-persuna ma jkunx jista' jiġi aċċertat wara li jsir stħarriġ raġonevoli jew huwa meħtieġ jew awtorizzat li jiġi notifikat lil operatur ta' attività turistika, l-avviż jitqies bħala li ġie notifikat jew mogħti kif imiss jekk jiġi notifikat jew mogħti f'xi wieħed mill-modi msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u indirizzat lill-persuna li għandha interess fl-attività turistika deskritta bħala "sid" jew "operatur", jew "sidien" jew "operaturi", skond il-ħtieġa tal-każ.

Trasferiment ta' proprjetà lill-Awtorità.

50. (1) B'seħħ mill-ġurnata stabbilita kull proprjetà li, minnufih qabel il-ġurnata stabbilita, kienet vestita fi jew kienet proprjetà ta' l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu għandha, bis-saħħa ta' dan l-Att u mingħajr aktar assikurazzjoni, tiġi trasferita lil u tiġi vestita fl-Awtorità taħt l-istess titolu li bih kienet miżmuma mill-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu minnufih qabel dik il-ġurnata.

(2) Dak it-trasferiment għandu jestendi għal dawk il-proprjetajiet kollha, mobbli u immobbli, attiv, setgħat, drittijiet, kemm reali kif ukoll personali, privileġġi u jeddijiet ta' azzjoni miżmuma jew posseduti in konnessjoni magħhom jew li għandhom x'jaqsmu magħhom.

Ftehim ta' liġijiet eżistenti, kuntratti, eċċ.

51. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kull liġi, regola, regolament, ordni, sentenza, dokument, mandat jew arranġament dwar xogħol, li kienu jeżistu minnufih qabel il-ġurnata stabbilita, li jolqtu jew li għandhom x'jaqsmu ma' xi waħda mill-proprjetajiet trasferiti, għandu jkollhom saħħa u effett sħiħ kontra jew favur l-Awtorità, u għandhom jiġu esegwiti għalkollox u effettivament bħallikieku, minflok l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu, l-Awtorità kienet imsemmija fihom jew kienet parti fihom, skond il-każ.

Dispożizzjonijiet transitorji.

52. (1) Meta xi ħaġa tkun inbdiet minn jew taħt l-awtorità ta' l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu qabel il-ġurnata stabbilita, u dik il-ħaġa tkun dwar xi proprjetà trasferita jew xi dritt jew responsabbiltà trasferiti minn jew taħt dan l-Att, dik il-ħaġa tista' titkompla u tiġi mitmuma minn jew taħt l-awtorità ta' l-Awtorità.

(2) Meta fil-ġurnata stabbilita xi proċedura legali li fiha l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu tkun jew ikollha l-jedd li tkun parti tkun għadha pendenti, u dik il-proċedura jkollha riferenza għal xi proprjetà trasferita jew għal xi dritt jew obbligu trasferit minn jew taħt dan l-Att, l-Awtorità għandha tidħol f'dak il-proċediment minflok l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu jew ikollha l-jedd li hekk tidħol.

(3) Il-Ministru jista' b'ordni jagħmel kull provvediment inċidentali, konsegwenzjali u supplimentari li jista' jkun meħtieġ jew spedjenti sabiex jiżgura u jagħti effett sħiħ għat-trasferiment ta' kull proprjetà, dritt jew obbligu lill-Awtorità skond jew taħt dan l-Att u jista' jagħmel dawk l-ordnijiet li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex xi setgħat u dmirijiet eżerċitati mill-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu, dwar xi proprjetà trasferita, isiru eżerċitabbli minn jew f'isem l-Awtorità.

Thassir u riżerva.
Kap. 190.
Kap. 197.
Kap. 240.
Kap. 264.
Kap. 310.

53. (1) L-Att dwar is-Servizzi ta' Gwidi tat-Turisti, l-Att dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel, l-Att dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala, l-Att dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi u l-Att dwar l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu, huma b'dan imħassra.

(2) Ir-regolamenti magħmula taħt l-Atti msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, kif murija fir-Raba' Skeda ta' dan l-Att, għandhom, sakemm isir provvediment ieħor taħt jew bis-saħħa ta' dan l-Att, jibqgħu fis-seħħ u jibqa' jkollhom effett bħallikieku magħmula taħt dan l-Att u, minkejja kull ħaġa li tinsab f'dawk ir-regolamenti u fl-Atti hawn aktar qabel imsemmija dwar reati, pieni u proċedimenti kriminali, id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 43, 44 u 45 ta' dan l-Att għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw għal dawk ir-regolamenti.

(3) Kull liċenza, permess jew awtorità oħra mogħtija skond xi liġi jew xi provvediment tagħha, imħassra b'dan l-Att, u li kienet għadha fis-seħħ minnufih qabel dak it-tħassir, għandhom jibqgħu fis-seħħ wara dak it-tħassir bħallikieku kienu liċenza, permess jew awtorità mogħtija taħt provvediment korrispondenti ta' dan l-Att, skond il-ħtieġa tal-każ; u kull liċenza, permess jew awtorità bħal dawk kif hawn aktar qabel imsemmi għandhom jiġu trattati u jsir dwarhom skond hekk.

SKEDI

L-EWWEL SKEDA

Aritkolu 3 (7)

Provvedimenti dwar il-proċedimenti ta' l-Awtorità

1. L-Awtorità tista' taġixxi minkejja kull vakanza fost il-membri tagħha, iżda jrid ikun hemm *quorum* preżenti għal-laqgħa.

2. Il-*quorum* ta' l-Awtorità għandu jikkonsisti fil-President jew viċi-president, li, fl-assenza tal-President għal xi laqgħa partikolari, għandu jiġi maħtur mill-membri preżenti għal-laqgħa, u minn mhux anqas minn ħames membri oħra li jivvutaw li jagħmlu l-Awtorità fil-ħin tal-laqgħa.

3. Il-laqgħat ta' l-Awtorità jissejħu mill-President jew fuq inizjattiva tiegħu jew fuq talba ta' xi tliet membri ta' l-Awtorità, u għandha tiġi speċifikata xi tkun l-aġenda; u l-Awtorità għandha tiltaqa' wkoll f'dawk iż-żminijiet li tiddeċiedi hi nnifisha.

4. Il-President, jew viċi-president li jkun qed jagixxi floku, ikollhom vot oriġinali, u meta l-voti jkunu maqsumin indaqs, vot ieħor jew *casting vote*.

5. Membru ta' l-Awtorità li għandu interess dirett jew indirett f'xi ħaġa li tiġi quddiem l-Awtorità biex tiġi kkunsidrata minnha għandu, hekk kif ikun sar jaf biċ-ċirkostanzi rilevanti, juri x-xorta ta' l-interess tiegħu. Dan il-kxif għandu jitniżżel fil-minuti tal-laqgħa u l-membru –

(a) m'għandux jieħu sehem f'xi diskussoni jew deċiżjoni ta' l-Awtorità dwar dik il-ħaġa; u

(b) m'għandux jingħadd għall-għan li jiġi stabbilit il-*quorum* għal dik id-diskussjoni jew deċiżjoni.

6. Kull att magħmul b'bonafidi minn persuna bħala membru ta' l-Awtorità jkun validu u jkollu effett bħal li kieku kienet membru wkoll jekk wara jinstab li kien hemm xi difett fill-kwalifika tagħha għall-ħatra.

7. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 44 ta' dan l-Att, kull dokument li juri li hu strument magħmul jew maħruġ mill-Awtorità u ffirmat mill-President ta' l-Awtorità jew mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni f'isem l-Awtorità għandu jiġi aċċettat bħala prova u għandu, sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju, jitqies li hu strument magħmul jew maħruġ mill-Awtorità.

8. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, inkluża din l-Iskeda, l-Awtorità tista' tirregola l-proċeduri tagħha nnifisha.

IT-TIENI SKEDA

Artikolu 12 (2)

Direttorati Eżekuttivi

Bla ħsara għas-setgħat li għandu l-Ministru taħt l-artikolu 12 ta' dan l-Att, u b'żieda mad-Direttorat ta' l-Infurzar, għandu jkun hemm dawn it-tliet direttorati eżekuttivi li ġejjin, li jkunu magħrufa bħala d-Direttorat tal-*Marketing* u Promozzjoni, id-Direttorat ta' Servizzi ta' Appoġġ, u l-Utilizzazzjoni u Taħriġ ta' Riżorsi Umani, u d-Direttorat ta' *Product Planning* u Żvilupp. Id-direttorati jkunu magħmula kif ġej:–

(a) id-Direttorat tal-*Marketing* u Promozzjoni, ikun magħmul minn:

(i) erba' persuni maħtura mill-Ministru minn fost persuni li jkollhom konoxxenza u esperjenza fil-*marketing* u fil-promozzjoni, li wieħed minnhom għandu jkollu dik il-konoxxenza u esperjenza kif japplikaw għal Għawdex, u li tnejn minnhom għandhom ikunu minn fost operaturi fis-settur tat-turiżmu. Il-Ministru għandu jaħtar lil wieħed minn dawk l-erba' persuni biex ikun President;

(ii) persuna maħtura mill-Ministru bir-rakkomandazzjoni ta' l-assoċjazzjoni li tkun rikonoxxuta mill-Ministru bħala dik rappreżentattiva tas-settur tal-lukandi;

(iii) persuna maħtura mill-Ministru bir-rakkomandazzjoni ta' l-assoċjazzjoni li tkun rikonoxxuta mill-Ministru bħala dik rappreżentattiva tas-settur ta' aġenti tat-turiżmu u ta' l-ivvjaġġar; u

(iv) persuna maħtura mill-Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-linja nazzjonali ta' l-ajru;

(b) id-Direttorat ta' Servizzi ta' Appoġġ, u l-Utilizzazzjoni u Taħriġ ta' Riżorsi Umani, ikun magħmul minn:

(i) ħames persuni maħtura mill-Ministru minn fost persuni li jkollhom konoxxenza u esperjenza fl-iżvilupp ta' riżorsi umani, li wieħed minnhom għandu jkollu dik il-konoxxenza u esperjenza kif japplikaw għal Għawdex, u li tnejn minnhom għandhom ikunu minn fost operaturi fis-settur tat-turiżmu. Il-Ministru għandu jaħtar lil wieħed minn dawk il-ħames persuni biex ikun President;

(ii) persuna maħtura mill-Ministru bir-rakkomandazzjoni ta' l-assoċjazzjoni li tkun rikonoxxuta mill-Ministru bħala l-aktar rappreżentattiva ta' l-akbar għadd ta' lukandi u stabbilimenti li jipprovdu l-ikel; u

(iii) persuna maħtura mill-Ministru bir-rakkomandazzjoni ta' l-assoċjazzjoni li tkun rikonoxxuta mill-Ministru bħala li tiġbor flimkien lill-klassi professjonali fit-tmexxija ta' lukandi u stabbilimenti li jipprovdu l-ikel;

(iv) persuna maħtura mill-Ministru bir-rakkomandazzjoni ta' l-assoċjazzjoni rikonoxxuta mill-Ministru bħala dik rappreżentattiva ta' aġenti tat-turiżmu li ġej minn barra; u

(v) persuna maħtura mill-Ministru bir-rakkomandazzjoni ta' dawk l-assoċjazzjonijiet l-oħra li jkunu rikonoxxuti mill-Ministru bħala dawk rappreżentattivi ta' setturi oħra li jipprovdu servizzi tat-turiżmu.

(ċ) id-Direttorat ta' *Product Planning* u Żvilupp, ikun magħmul minn:

(i) sitt persuni maħtura mill-Ministru minn fost persuni li jkollhom konoxxenza u esperjenza fil-*product planning*, fl-iżvilupp, u fis-servizzi ta' appoġġ, li wieħed minnhom għandu jkollu dik il-konoxxenza u esperjenza kif japplikaw għal Għawdex. Il-Ministru għandu jaħtar lil wieħed minn dawk is-sitt persuni biex ikun President;

(ii) persuna maħtura mill-Ministru bir-rakkomandazzjoni ta' l-assoċjazzjoni li tkun rikonoxxuta mill-Ministru bħala dik rappreżentattiva tas-settur tal-lukandi;

(iii) persuna maħtura mill-Ministru bir-rakkomandazzjoni ta' l-assoċjazzjoni li tkun rikonoxxuta mill-Ministru bħala dik rappreżentattiva tas-settur ta' aġenti tat-turiżmu u ta' l-ivvjaġġar;

(iv) persuna maħtura mill-Ministru bir-rakkomandazzjoni ta' l-assoċjazzjoni li tkun rikonoxxuta mill-Ministru bħala dik rappreżentattiva tas-settur tat-trasport;

(v) persuna maħtura mill-Ministru bir-rakkomandazzjoni ta' dawk l-assoċjazzjonijiet l-oħra li jkunu rikonoxxuti mill-Ministru bħala dawk rappreżentattivi ta' setturi oħra li jipprovdu servizzi tat-turiżmu; u

(vi) persuna maħtura mill-Ministru bir-rakkomandazzjoni tal-linja nazzjonali ta' l-ajru.

Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att, inklużi d-dispożizzjonijiet tal-proviso li hemm miegħu, għandhom ikunu japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-membri tad-direttorati eżekuttivi.

IT-TIELET SKEDA

Artikolu 14 (8)

Proċedimenti quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turiżmu, u appelli minn deċiżjonijiet ta' dak il-Bord

1. Kull persuna li tħoss ruħha aggravata minn deċiżjoni ta' l-Awtorità, kif provdut fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14 ta' dan l-Att, tista' tappella quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turiżmu, flimkien mal-ħlas tad-dritt preskritt, fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data meta d-deċiżjoni li fuqha jsir l-appell tiġi komunikata lill-persuna konċernata.

2. L-applikazzjoni għandha tiddikjara x'ikunu r-raġunijiet għal dak l-appell u t-talba ta' l-appellant, u kopja tagħha għandha tiġi komunikata lill-Awtorità qabel ma jinstema' l-appell.

3. L-appellant jidher quddiem il-Bord jew personalment jew rappreżentat minn aġent fil-ġurnata u l-ħin appuntati għas-smigħ, jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu u jipproduċi dawk il-provi li l-Bord jippermetti:

Iżda l-Bord jista' jipposponi s-smigħ ta' l-appell jekk ikun sodisfatt li l-appellant ma setax jidher quddiemu minħabba f'mard jew għax kien barra minn Malta jew minħabba f'xi ħaġ'oħra simili u raġonevoli.

4. Il-Bord għandu jagħti lill-Awtorità l-opportunità li tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha biex tiġġustifika d-deċiżjonijiet tagħha, u li ġġib dawk il-provi li l-Bord jista' jqis li jkunu meħtieġa.

5. Il-Bord ikollu s-setgħa li jħarrek xhieda u li jagħti l-ġurament lil kull min jidher quddiemu.

6. Il-Bord ikollu s-setgħa li jikkonferma, iħassar jew ibiddel deċiżjoni li kontra tagħha jkun sar appell u li jagħti dawk id-direttivi li jidħirlu xierqa.

7. Id-deċiżjonijiet tal-Bord ikunu finali u ma jkun hemm ebda appell minnhom ħlief fuq punti ta' liġi biss.

8. Jekk l-appellant jew l-Awtorità, skond il-każ, ma jaqblux ma' xi punt ta' liġi deċiż mill-Bord, huma jistgħu jappellaw quddiem il-Qorti ta' l-Appell b'rikors preżentat kif provdut fis-subartikolu (9) ta' l-artikolu 14 ta' dan l-Att.

9. Is-seduti kollha tal-Bord għandhom jinżammu bil-miftuħ u d-deċiżjonijiet kollha tal-Bord għandhom jingħataw bil-miftuħ.

10. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' hawn aktar qabel ta' din l-Iskeda u għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Bord għandu jirregola l-proċeduri tiegħu nnifsu.

A 190

IR-RABA' SKEDA

Artikolu 53 (2)

Regolamenti li jibqgħu fis-seħħ

Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel.	Avviż Legali 67 ta' l-1972 kif sussegwentement emendat bl-Avviżi Legali: 85 ta' l-1978; 20 ta' l-1979; 16 ta' l-1980; 26 ta' l-1981; 19 ta' l-1986; 94 ta' l-1988; 13 u 57 ta' l-1989; 17, 21, 117 u 135 ta' l-1990; 100 ta' l-1991; 47 ta' l-1992; u 197 ta' l-1996.
Regolamenti ta' l-1976 dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala.	Avviż Legali 134 ta' l-1976 kif sussegwentement emendat bl-Avviżi Legali: 16 u 67 ta' l-1978; 13 u 57 ta' l-1980; 17 u 106 ta' l-1981; 16 ta' l-1984; 58 ta' l-1989; 14 ta' l-1990; 12 ta' l-1993; 66 ta' l-1994; u 24 ta' l-1995.
Regolamenti ta' l-1976 dwar id-Drittijiet għal Liċenzi, Ċertifikati u Appelli dwar *Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala.	Avviż Legali 135 ta' l-1976 kif sussegwentement emendat bl-Avviżi Legali: 17 u 68 ta' l-1978; u 22 ta' l-1979.
Regolamenti ta' l-1980 dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi.	Avviż Legali 41 ta' l-1980 kif sussegwentement emendat bl-Avviżi Legali: 60 ta' l-1982; u 11 ta' l-1993.
Regolamenti ta' l-1984 dwar il-Kontribuzzjonijiet għall-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu.	Avviż Legali 64 ta' l-1984 kif sussegwentement emendat bl-Avviż Legali 171 ta' l-1990.
Regolamenti ta' l-1989 dwar is-Servizzi ta' Gwidi tat-Turisti.	Avviż Legali 127 ta' l-1989.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 132 tas-7 ta' Lulju, 1999.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati